IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

MT



# Dokument tematiku

## Kriterji u mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali

Direttorat tar-Riċerka u tad-Dokumentazzjoni

curia.europa.eu

# Daħla

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Stat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 109; iktar 'il quddiem ir-"Regolament Dublin II"), adottat abbażi tal-Artikolu 63 tat-Trattat KE, daħal fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 2003. Dan ir-regolament ġie emendat bir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU 2013, L 180, p. 31, rettifika fil-ĠU 2017, L 49, p. 50; iktar 'il quddiem ir-"Regolament Dublin III"), adottat abbażi tal-Artikolu 78(2)(e) TFUE. Ir-Regolament Dublin III daħal fis-seħħ fid-19 ta' Lulju 2013 u huwa applikabbli għall-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali ppreżentati b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

Il-prinċipju li fuqu huma bbażati dawn it-testi huwa li kull applikazzjoni għall-ażil jew għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna apolida fit-territorju ta' Stat Membru, inkluż mal-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu, għandha tiġi eżaminata minn Stat Membru wieħed biss. Dawn ir-regolamenti jiddefinixxu l-kriterji għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni u l-proċedura li permezz tagħha ssir din id-determinazzjoni.

Il-kriterji għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali huma stabbiliti f'ordni ta' ġerarkija fil-Kapitolu III tar-Regolament Dublin III [1] u huma intiżi li jippermettu lill-Istat Membru li fih tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jidentifika l-Istat Membru li fl-aħħar mill-aħħar ikollu jeżamina din l-applikazzjoni.

L-imsemmija kriterji huma stabbiliti fil-Kapitolu III u huma indikati bl-ordni segwenti:

- l-interess superjuri tal-minuri mhux akkumpanjat [2] ;
- il-preżenza, fit-territorju ta' Stat Membru, ta' membru tal-familja li jkun benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali [3] jew li jkun applika għaliha [4];
- iż-żamma tar-rabta tal-familja [5];
- il-ħruġ ta' permessi ta' soġġorn jew ta' viżi [6];
- id-dħul u/jew is-soġġorn illegali [7];
- id-dħul b'eżenzjoni minn viża [8];

[1] B'mod iktar partikolari, fl-Artikoli 8 sa 15 ta' dan ir-regolament. Preċedentement, dawn kienu jinsabu fl-Artikoli 6 sa 14 tar-Regolament Dublin II.
[2] Artikolu 8 tar-Regolament Dublin III u, rispettivament, Artikolu 6 tar-Regolament Dublin II.
[3] Artikolu 9 tar-Regolament Dublin III u, rispettivament, Artikolu 7 tar-Regolament Dublin II.
[4] Artikolu 10 tar-Regolament Dublin III u, rispettivament, Artikolu 8 tar-Regolament Dublin II.
[5] Artikolu 11 tar-Regolament Dublin III u, rispettivament, Artikolu 14 tar-Regolament Dublin II.
[6] Artikolu 12 tar-Regolament Dublin III u, rispettivament, Artikolu 9 tar-Regolament Dublin II.
[7] Artikolu 13 tar-Regolament Dublin III u, rispettivament, Artikolu 10 tar-Regolament Dublin II.

- l-applikazzjoni għall-ażil ippreżentata f'żona ta' tranżitu internazzjonali [9].

Dawn il-kriterji jiġu applikati abbażi tas-sitwazzjoni eżistenti fil-mument li fih l-applikant jippreżenta għall-ewwel darba applikazzjoni għall-ażil fi Stat Membru [10].

Fir-Regolamenti Dublin II u Dublin III ġew previsti kriterji speċifiċi addizzjonali għad-determinazzjoni tal-Istat Membru reponsabbli.

B'hekk, b'mod partikolari, meta ebda Stat Membru responsabbli ma jkun jista' jiġi identifikat abbażi tal-kriterji elenkati f'dawn ir-regolament, l-ewwel Stat Membru li fih tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jkun responsabbli għall-eżami tagħha [11]. Sussegwentement, fil-każ li jkun impossibbli li applikant jiġi ttrasferit lejn l-Istat Membru inizjalment identifikat bħala l-Istat Membru responsabbli għaliex ikun hemm raġunijiet serji sabiex wieħed jemmen li f'dan l-Istat Membru jeżistu nuqqasijiet sistemiċi fil-proċedura tal-ażil u fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tal-applikanti, li jimplikaw riskju ta' trattament inuman jew degradanti fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), l-Istat Membru li jkun qiegħed jiddetermina l-Istat Membru responsabbli għandu jkompli bl-eżami tal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu III sabiex jistabbilixxi jekk ikunx hemm Stat Membru ieħor li jista' jiġi identifikat bħala dak responsabbli. Jekk ikun impossibbli t-trasferiment tal-applikant lejn Stat Membru identifikat abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu III jew lejn l-ewwel Stat Membru li fih tkun ġiet introdotta l-applikazzjoni, l-Istat Membru li jkun qiegħed jiddetermina l-Istat Membru responsabbli jsir l-Istat Membru responsabbli [12].

Barra minn hekk, huma previsti regoli partikolari fil-każ li l-applikant ikun dipendenti fuq membru tal-familja tiegħu li jirrisjedi legalment f'wieħed mill-Istati Membri, jew fil-każ li membru tal-familja tiegħu jkun dipendenti fuq l-assistenza tal-applikant [13]. Fl-aħħar nett, klawżola diskrezzjonali [14] tippermetti lil kull Stat Membru jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata fih minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna apolida anki jekk dan l-eżami ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tiegħu skont il-kriterji stabbiliti f'dawn ir-regolamenti.

[8] Artikolu 14 tar-Regolament Dublin III u, rispettivament, Artikolu 11 tar-Regolament Dublin II.

[9] Artikolu 15 tar-Regolament Dublin III u, rispettivament, Artikolu 12 tar-Regolament Dublin II.

[10] Artikolu 7(2) tar-Regolament Dublin III u, rispettivament, Artikolu 5(2) tar-Regolament Dublin II.

[11] It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin III u, rispettivament, Artikolu 13 tar-Regolament Dublin II.

[12] It-tieni u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin III. Ir-Regolament Dublin II ma kienx fih dispożizzjonijiet korrispondenti. Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet tat-tieni u tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin III ġew introdotti b'reazzjoni għall-iżviluppi fil-ġurisprudenza u, b'mod iktar partikolari, wara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011 (Awla Manja), N. S. et (C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865).

[13] Artikolu 16 tar-Regolament Dublin III, intitolat "Persuni dipendenti". Preċedentement, Artikolu 15 tar-Regolament Dublin II, intitolat "Klawżola umanitarja".

[14] Artikolu 17 tar-Regolament Dublin III, intitolat "Klawsoli diskrezzjonali". Preċedentement, Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin II, li kien magħruf bħala l-"klawżola ta' sovranità" u li ta lok għal diversi deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2011 (Awla Manja), N. S. et (C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865) u tal-14 ta' Novembru 2013 (Awla Manja), Puid (C-4/11, EU:C:2013:740)).

# Lista tal-atti msemmija

**Regolament** tal-Kunsill **(KE) Nru 343/2003** tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Stat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 109)

**Regolament (UE) Nru 604/2013** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU 2013, L 180, p. 31, rettifika fil-ĠU 2017, L 49, p. 50)

**Regolament** tal-Kummissjoni **(KE) Nru 1560/2003** tat-2 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 200).

**Regolament (KE) Nru 562/2006** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU 2006, L 105, p. 1), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 610/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 (ĠU 2013, L 182, p. 1, rettifika fil-ĠU 2014, L 225, p. 91).

**Direttiva 2013/32/UE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60).

**Direttiva 2013/33/UE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 96).

**Direttiva** tal-Kunsill **2001/55/KE** tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 162).

# Werrej


Daħla ... 3

Lista tal-atti msemmija ... 5

I. Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli ... 7

1. Kriterji għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli ... 7

1.1. Interess superjuri tal-minuri ... 7

1.2. Rabtiet tal-familja ... 8

1.2.1. Preżenza ta' membru tal-familja, benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali ... 8

1.2.2. Rabta ta' dipendenza ... 11

1.3. Dħul fit-territorju ... 13

2. Derogi mill-kriterji għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli ... 15

2.1. Riskju ta' ksur tal-Artikolu 4 tal-Karta ... 15

2.2. Klawżola diskrezzjonali tal-Istat Membru kkonċernat ... 23

3. Assenza ta' deċiżjoni espliċita dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli ... 27

4. Rilokazzjoni – Mekkaniżmu ta' deroga temporanja mill-mekkaniżmu ta' Dublin ... 28

II. Proċedura ta' trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli ... 33

1. Teħid lura fil-każ ta' ritorn illegali fi Stat Membru li kien wettaq it-trasferiment ... 33

2. Deċiżjoni antiċipata ta' trasferiment ... 35

3. Terminu għat-trasferiment ... 36

III. Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni ta' trasferiment ... 39

1. Stħarriġ ġudizzjarju limitat – Regolament Dublin II ... 39

2. Stħarriġ ġudizzjarju estiż – Regolament Dublin III ... 40

2.1. Nuqqas ta' osservanza ta' dispożizzjonijiet tekniċi ... 40

2.2. Nuqqas ta' osservanza tat-termini ... 43

2.3. Stħarriġ tad-deċiżjoni ta' trasferiment fil-każ ta' teħid lura ... 48

2.4. Stħarriġ tad-deċiżjoni ta' teħid inkarigu ta' minuri mhux akkumpanjat ... 50

2.5. Invokabbiltà ta' ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment ... 52

# I. Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli

## 1. Kriterji għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli

### 1.1. Interess superjuri tal-minuri

***Sentenza tas-6 ta' Ġunju 2013 (Ir-Raba' Awla), MA et (C-648/11, EU:C:2013:367)***

*"Regolament (KE) Nru 343/2003 – Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli – Minuri mhux akkumpanjat – Applikazzjonijiet għall-ażil ippreżentati suċċessivament f'żewġ Stati Membri– Assenza ta' membru tal-familja tal-minuri fit-territorju ta' Stat Membru – It-tieni paragrafu tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 343/2003 – Trasferiment tal-minuri lejn l-Istat Membru li fih dan ippreżenta l-ewwel applikazzjoni tiegħu – Kompatibbiltà – L-aħjar interess tat-tfal – Artikolu 24(2) tal-Karta"*

Żewġ minuri mill-Eritrea (MA u BT) u minuri mill-Irak (DA) applikaw għall-ażil fir-Renju Unit. Ebda membru tal-familji tagħhom ma kien jinsab legalment fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni. L-awtoritajiet Brittaniċi kkonstataw li dawn il-minuri kienu diġà ppreżentaw applikazzjonijiet għall-ażil fi Stati Membri oħra, jiġifieri fl-Italja (MA u BT) u fil-Pajjiżi l-Baxxi (DA). B'hekk, ġie deċiż li dawn il-minuri jiġu ttrasferiti lejn dawn l-Istati, peress li dawn tqiesu li kienu responsabbli għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-ażil ta' dawn il-minuri.

Ir-Regolament Dublin II jipprevedi li, meta l-applikant għall-ażil ikun minuri mhux akkumpanjat, l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għandu jkun dak li fih ikun jinsab legalment membru tal-familja tiegħu, kemm-il darba dan ikun fl-interess tal-minuri. Fl-assenza ta' membru tal-familja, l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għandu jkun dak li fih il-minuri jkun ippreżenta l-applikazzjoni għall-ażil tiegħu. Dan ir-regolament iżda ma jispeċifikax jekk ikunx qiegħed jitkellem dwar l-ewwel applikazzjoni ppreżentata mill-minuri fi Stat Membru jew dwar dik li jkun ippreżenta fl-aħħar lok fi Stat Membru ieħor.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li, f'sitwazzjoni fejn minuri mhux akkumpanjat, li ebda membru tal-familja tiegħu ma jkun jinsab legalment fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, ikun ippreżenta applikazzjonijiet għall-ażil f'iktar minn Stat Membru wieħed, l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għall-eżami għandu jkun dak fejn ikun jinsab il-minuri, wara li jkun ippreżenta applikazzjoni f'dan l-Istat Membru. Din il-konklużjoni tirriżulta mill-kuntest u mill-għan tar-Regolament, li huwa intiż li jiggarantixxi aċċess effettiv għal evalwazzjoni tal-kwalità ta' refuġjat tal-applikant għall-ażil, filwaqt li jagħti attenzjoni partikolari lill-minuri mhux akkumpanjati. B'hekk, peress li dawn tal-aħħar jikkostitwixxu kategorija ta' persuni partikolarment vulnerabbli, huwa meħtieġ li l-proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli ma tittawwalx iktar minn dak li jkun strettament meħtieġ, li jimplika, bħala prinċipju, li dawn il-minuri ma jiġux ittrasferiti lejn Stat Membru ieħor.

Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma kkorroborati mir-rekwiżit tar-rispett tad-drittijiet fundamentali, li jinkludu d-dritt li jiġi żgurat li, fl-atti kollha li jikkonċernaw it-tfal – kemm

jekk jitwettqu minn awtoritajiet pubbliċi jew minn istituzzjonijiet privati – l-interess superjuri tat-tfal ikun kunsiderazzjoni primordjali [15]. Għaldaqstant, fl-interess tal-minuri mhux akkumpanjati, huwa meħtieġ li l-proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli ma tittawwalx b'mod inutli iżda dawn il-minuri għandhom jingħataw aċċess imħaffef għall-proċeduri għad-determinazzjoni tal-kwalità tagħhom ta' refuġjat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li tali interpretazzjoni ma timplikax li l-minuri mhux akkumpanjat, li l-applikazzjoni għall-ażil tiegħu kienet ġiet miċħuda fuq il-mertu fl-ewwel Stat Membru, jista' sussegwentement iġiegħel lil Stat Membru ieħor jeżamina applikazzjoni għall-ażil. Fil-fatt, l-Istati Membri ma humiex meħtieġa jivverifikaw jekk l-applikant ikollux il-kwalità ta' refuġjat meta applikazzjoni titqies li tkun inammissibbli minħabba li l-applikant għall-ażil ikun ippreżenta applikazzjoni identika wara li tkun ittieħdet deċiżjoni finali fil-konfront tiegħu.

## 1.2. Rabtiet tal-familja

### 1.2.1. Preżenza ta' membru tal-familja, benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali

***Sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, Bundesrepublik Deutschland (Wild ta' refuġjati, imwieled barra mill-Istat ospitanti) (C-720/20, EU:C:2022:603)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika komuni fil-qasam tal-ażil – Kriterji u mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali – Regolament (UE) Nru 604/2013 (Dublin III) – Applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata minn minuri fl-Istat Membru tat-twelid tiegħu – Ġenituri ta' dan il-minuri li preċedentement kisbu l-istatus ta' refuġjat fi Stat Membru ieħor – Artikolu 3(2) – Artikolu 9 – Artikolu 20(3) – Direttiva 2013/32/UE – Artikolu 33(2)(a) – Ammissibbiltà tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u responsabbiltà għall-eżami tagħha"*

Ir-rikorrenti, ċittadina tal-Federazzjoni Russa, twieldet fil-Ġermanja fl-2015. F'Marzu 2012, il-ġenituri tagħha u l-ħames aħwa tagħha, ukoll ta' nazzjonalità Russa, kienu kisbu l-istatus ta' refuġjat fil-Polonja. F'Diċembru 2012, huma kienu telqu mill-Polonja għall-Ġermanja, fejn kienu ppreżentaw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali. Ir-Repubblika tal-Polonja rrifjutat li tilqa' t-talba tal-awtoritajiet Ġermaniżi li tieħu lura dawn il-persuni, minħabba li kienu diġà jibbenefikaw minn protezzjoni internazzjonali fit-territorju tagħha. Sussegwentement, l-awtoritajiet Ġermaniżi ċaħdu l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali bħala inammissibbli, minħabba l-istatus ta' refuġjat li dawn il-persuni kienu diġà kisbu fil-Polonja. Madankollu, il-familja tar-rikorrenti baqgħet tgħix fit-territorju Ġermaniż.

[15] Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 8(4) tar-Regolament Dublin III issa jsemmi dan it-teħid inkunsiderazzjoni tal-interess superjuri tat-tfal fid-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjonijiet ippreżentati minn minuri mhux akkumpanjati.

Kriterji u mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali

F'Marzu 2018, ir-rikorrenti ppreżentat applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali quddiem l-awtoritajiet Ġermaniżi. Din l-applikazzjoni ġiet miċħuda bħala inammissibbli, abbażi b'mod partikolari tar-Regolament Dublin III.

Il-qorti tar-rinviju, adita b'rikors kontra din l-aħħar deċiżjoni ta' ċaħda, kellha dubji dwar jekk ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kinitx l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tar-rikorrenti u jekk, fl-affermattiv, dan l-Istat Membru setax jiċħad din l-applikazzjoni bħala inammissibbli skont id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-proċeduri").

B'mod iktar partikolari, dik il-qorti kellha dubju dwar l-applikazzjoni b'analoġija ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Dublin III u tad-Direttiva dwar il-proċeduri għas-sitwazzjoni tar-rikorrenti. F'dan ir-rigward, hija xtaqet tkun taf, minn naħa, jekk, għall-finijiet tal-prevenzjoni tal-movimenti sekondarji, l-Artikolu 20(3) tar-Regolament Dublin III, li jikkonċerna, b'mod partikolari, is-sitwazzjoni ta' tfal imwielda wara l-wasla ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali, kienx japplika għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata minn minuri fl-Istat Membru tat-twelid tiegħu meta l-ġenituri tiegħu kienu diġà jibbenefikaw minn protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor [16]. Min-naħa l-oħra, hija xtaqet tkun taf jekk l-Artikolu 33(2)(a) tad-Direttiva dwar il-proċeduri [17] kienx japplika għal minuri li l-ġenituri tiegħu kienu benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor iżda li ma kienx jibbenefika minnha huwa stess.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, irrispondiet fin-negattiv għal dawn id-domandi. B'mod iktar partikolari, hija ddeċidiet, minn naħa, li, skont ir-Regolament Dublin III, l-Istat Membru li fih minuri jippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali bil-miktub għandu jkun responsabbli għall-eżami ta' din l-applikazzjoni u, min-naħa l-oħra, li Stat Membru ma jistax jiddikjara l-applikazzjoni tiegħu inammissibbli għar-raġuni li l-membri tal-familja tiegħu jkunu telqu minn Stat Membru ieħor li fih kienu jibbenefikaw minn protezzjoni internazzjonali u marru illegalment fl-Istat Membru li fih il-minuri jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu. Fl-assenza ta' applikazzjoni espressa bil-miktub, huwa l-ewwel Stat Membru li fih tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li għandu jkun responsabbli għall-eżami, sakemm Stat Membru ieħor ma jiġix identifikat bħala dak responsabbli b'applikazzjoni tal-kriterji elenkati fir-Regolament.

F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Artikolu 20(3) tar-Regolament Dublin III ma huwiex applikabbli b'analoġija għas-sitwazzjoni li fiha minuri u

[16] Skont din id-dispożizzjoni, li tikkonċerna l-proċedura għal teħid inkarigu, is-sitwazzjoni tal-minuri li jakkumpanja applikant għal protezzjoni internazzjonali u li jissodisfa d-definizzjoni ta' "membru tal-familja" hija inseparabbli minn dik tal-membru tal-familja tiegħu u taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tal-imsemmi membru tal-familja, anki jekk il-minuri ma jkunx applikant individwali, sakemm dan ikun fl-interessi superjuri tal-minuri. L-istess trattament japplika għat-tfal imwielda wara l-wasla tal-applikant fit-territorju tal-Istati Membri, mingħajr ma jkun neċessarju li tinbeda proċedura ġdida għat-teħid inkarigu tagħhom.

[17] Skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali bħala inammissibbli meta protezzjoni internazzjonali tkun ingħatat minn Stat Membru ieħor.

l-ġenituri tiegħu jippreżentaw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru li fih ikun twieled dan il-wild, f'sitwazzjoni fejn il-ġenituri jkunu diġà jibbenefikaw minn protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor. Fil-fatt, minn naħa, din id-dispożizzjoni teħtieġ li l-membri tal-familja tal-minuri jkun għad għandhom il-kwalità ta' "applikant", b'tali mod li hija ma tirregolax is-sitwazzjoni ta' wild li jkun twieled wara li l-membri tal-familja tiegħu jkunu kisbu l-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru differenti minn dak fejn il-wild ikun twieled u jirrisjedi mal-familja tiegħu. Min-naħa l-oħra, is-sitwazzjoni ta' minuri li l-membri tal-familja tiegħu huma applikanti għal protezzjoni internazzjonali u dik ta' minuri li l-membri tal-familja tiegħu huma diġà benefiċjarji ta' tali protezzjoni ma humiex komparabbli fil-kuntest tas-sistema stabbilita mir-Regolament Dublin III. Il-kunċetti ta' "applikant" [18] u ta' "benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali" [19] jkopru fil-fatt status legali distinti, li huma rregolati minn dispożizzjonijiet differenti ta' dan ir-regolament. Għaldaqstant, applikazzjoni b'analoġija tal-Artikolu 20(3) għas-sitwazzjoni tal-minuri li l-membri tal-familja tiegħu diġà huma benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali ċċaħħad kemm lil dan il-minuri kif ukoll lill-Istat Membru li jkun ta din il-protezzjoni lill-membri tal-familja tiegħu mill-applikazzjoni tal-mekkaniżmi previsti f'dan ir-regolament. Dan ikollu b'mod partikolari l-konsegwenza li tali minuri jkun jista' jkun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' trasferiment mingħajr ma tkun inbdiet proċedura għat-teħid inkarigu tiegħu.

Barra minn hekk, ir-Regolament Dublin III jipprevedi regoli speċifiċi fil-każ li l-proċedura miftuħa fil-konfront tal-membri tal-familja tal-applikant tintemm u fil-każ li dawn jitħallew jirrisjedu bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru. B'mod iktar partikolari, l-Artikolu 9 tiegħu jipprovdi li, f'tali sitwazzjoni, dan l-aħħar Stat Membru għandu jkun responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, bil-kundizzjoni li l-persuni kkonċernati jkunu esprimew din ix-xewqa bil-miktub. Huwa minnu li din il-kundizzjoni teskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 9 fl-assenza tal-espressjoni ta' tali xewqa. Din is-sitwazzjoni tista', b'mod partikolari, isseħħ meta l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tal-minuri kkonċernat tiġi ppreżentata wara moviment sekondarju illegali tal-familja tiegħu mill-ewwel Stat Membru lejn l-Istat Membru fejn tkun ġiet ippreżentata din l-applikazzjoni. Madankollu, dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda, f'dan l-artikolu, dispożizzjoni li tkopri preċiżament is-sitwazzjoni msemmija. Barra minn hekk, fid-dawl tal-formulazzjoni ċara tal-Artikolu 9, ma tistax issir deroga minn dan ir-rekwiżit li x-xewqa tintwera bil-miktub.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, f'sitwazzjoni fejn il-persuni kkonċernati ma jkunux esprimew, bil-miktub, ix-xewqa li l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ta' wild jkun dak li fih il-membri tal-familja tiegħu jkunu tħallew jirrisjedu bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għandha ssir skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin III [20].

[18] Fis-sens tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament Dublin III.
[19] Fis-sens tal-Artikolu 2(f) tar-Regolament Dublin III.
[20] Konformement ma' din id-dispożizzjoni, fejn ebda Stat Membru responsabbli ma jkun jista' jiġi identifikat abbażi tal-kriterji elenkati fir-Regolament Dublin III, l-ewwel Stat Membru li fih tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandu jkun responsabbli għall-eżami ta' din l-applikazzjoni.

Kriterji u mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikolu 33(2)(a) tad-Direttiva dwar il-proċeduri ma huwiex applikabbli b'analoġija għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata minn minuri fi Stat Membru meta ma jkunx dan il-wild stess, iżda l-ġenituri tiegħu, li jibbenefikaw minn protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li din id-direttiva telenka b'mod eżawrjenti s-sitwazzjonijiet li fihom l-Istati Membri jistgħu jqisu li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tkun inammissibbli. Barra minn hekk, id-dispożizzjoni li tipprevedi dawn ir-raġunijiet ta' inammissibbiltà hija ta' natura derogatorja għall-obbligu tal-Istati Membri li jeżaminaw fil-mertu l-applikazzjonijiet kollha għal protezzjoni internazzjonali. Min-natura eżawrjenti u derogatorja ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li hija għandha tkun suġġetta għal interpretazzjoni stretta u għalhekk ma tistax tiġi applikata għal sitwazzjoni li ma tikkorrispondix mal-formulazzjoni tagħha. Il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tagħha ma jistax, għaldaqstant, jiġi estiż għal applikant għal protezzjoni internazzjonali li ma jibbenefikax huwa stess minn tali protezzjoni.

### 1.2.2. Rabta ta' dipendenza

***Sentenza tas-6 ta' Novembru 2012 (Awla Manja), K (C-245/11, EU:C:2012:685)***

*"Regolament (KE) Nru 343/2003 – Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-ażil ippreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz – Klawżola umanitarja – Artikolu 15 ta' dan ir-regolament – Persuna li tibbenefika minn ażil fi Stat Membru li tiddependi mill-assistenza tal-applikant għall-ażil minħabba l-fatt li tbati minn marda gravi – Artikolu 15(2) tar-Regolament – Obbligu ta' dan l-Istat Membru, li ma huwiex responsabbli fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu III tal-istess regolament, li jeżamina l-applikazzjoni għall-ażil ippreżentata mill-imsemmi applikant għall-ażil – Kundizzjonijiet"*

K daħlet b'mod illegali fil-Polonja minn pajjiż terz u ppreżentat, fil-Polonja, l-ewwel applikazzjoni għall-ażil matul ix-xahar ta' Marzu 2008. Hija mbagħad telqet mit-territorju Pollakk u daħlet b'mod illegali fl-Awstrija, fejn ingħaqdet ma' wieħed minn uliedha maġġorenni li kien jibbenefika diġà, fl-Awstrija, mill-istatus ta' refuġjat flimkien mal-konjuġi tiegħu u mat-tliet ulied minuri tagħhom. K ippreżentat it-tieni applikazzjoni għall-ażil fl-Awstrija matul ix-xahar ta' April 2008. Il-mara tat-tifel ta' K kienet tinsab f'sitwazzjoni ta' dipendenza fil-konfront ta' din tal-aħħar minħabba l-preżenza ta' tarbija kif ukoll minħabba l-marda gravi u d-diżabbiltà serja li kienet tbati minnhom b'konsegwenza ta' avveniment trawmatiku gravi li seħħ f'pajjiż terz.

Peress li qiesu li r-Repubblika tal-Polonja kienet responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għall-ażil ippreżentata minn K, l-awtoritajiet Awstrijaċi talbu lil dan l-Istat Membru jieħu lura lil din tal-aħħar u, għaldaqstant, ċaħdu l-applikazzjoni għall-ażil tagħha ppreżentata fl-Awstrija.

Il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, f'sitwazzjoni bħal dik li kellha quddiemha, kienx meħtieġ li tiġi applikata l-klawżola umanitarja prevista fl-Artikolu 15

tar-Regolament Dublin II, bil-konsegwenza li l-Awstrija jkollha kompetenza sabiex tagħti deċiżjoni dwar din l-applikazzjoni għall-ażil.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Dublin II għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'ċirkustanzi fejn persuna li tibbenefika mill-ażil fi Stat Membru tkun dipendenti, minħabba b'mod partikolari marda gravi, fuq membru tal-familja tagħha li jkun applikant għall-ażil iżda li l-applikazzjoni tiegħu tkun, konformement mal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu III ta' dan ir-regolament, eżaminata fi Stat Membru ieħor, l-Istat Membru li fih jirrisjedu dawn il-persuni jsir responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għall-ażil. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li huwa dan l-Istat Membru li għandu jassumi l-obbligi marbuta ma' din ir-responsabbiltà u li għandu jinforma b'dan lill-Istat Membru li kien preċedentement responsabbli, anki jekk dan tal-aħħar ma jkunx ressaq talba f'dan is-sens konformement mat-tieni sentenza tal-paragrafu 1 ta' dan l-istess artikolu.

Fil-fatt, l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Dublin II huwa applikabbli f'sitwazzjoni ta' dipendenza fejn ma jkunx l-applikant għall-ażil stess li jkun dipendenti fuq l-assistenza tal-membru tal-familja tiegħu, li jkun jinsab fi Stat Membru differenti minn dak identifikat bħala responsabbli fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu III ta' dan ir-regolament, iżda fejn ikun il-membru tal-familja preżenti f'dan l-Istat Membru l-ieħor li jkun dipendenti fuq l-assistenza tal-applikant għall-ażil. Din id-dispożizzjoni hija applikabbli wkoll meta r-raġunijiet umanitarji msemmija fiha jkunu applikabbli għas-sitwazzjoni ta' persuna, li tkun dipendenti fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li, mingħajr ma tkun membru tal-familja fis-sens tal-Artikolu 2(i) ta' dan ir-regolament, ikollha rabtiet tal-familja mal-applikant għall-ażil u li lilha dan tal-aħħar ikun jista' jipprovdi effettivament l-assistenza meħtieġa [21] [22].

[21] Konformement mal-Artikolu 11(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 200).

[22] Għandu jingħad li, fir-Regolament Dublin III, il-leġiżlatur ma kkodifikax il-ġurisprudenza li ħarġet mis-sentenza tas-6 ta' Novembru 2012 (Awla Manja), K (C-245/11, EU:C:2012:685) u llimita l-obbligi tal-Istati Membri f'dan il-qasam. L-Artikolu 16 ta' dan ir-regolament jipprevedi li, meta l-applikant ikun dipendenti fuq l-assistenza tal-wild tiegħu, ta' ħuh jew ta' oħtu, jew ta' missieru jew ta' ommu, li jkunu jirrisjedu legalment fi Stat Membru, jew meta l-wild tiegħu, ħuh, oħtu, missieru jew ommu, li jkunu jirrisjedu legalment fi Stat Membru jkunu dipendenti fuq l-assistenza tal-applikant, l-Istati Membri għandhom ġeneralment iħallu flimkien jew iqarrbu lill-applikant u lil dan il-wild, lil dawn l-aħwa, lil dan il-missier jew lil din l-omm.

## 1.3. Dħul fit-territorju

***Sentenzi tas-26 ta' Lulju 2017 (Awla Manja), Jafari (C-646/16, EU:C:2017:586), u tas-26 ta' Lulju 2017 (Awla Manja), A. S. (C-490/16, EU:C:2017:585)*** [23]

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz – Wasla ta' numru eċċezzjonalment għoli ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jiksbu protezzjoni internazzjonali – Organizzazzjoni tal-qsim tal-fruntiera mill-awtoritajiet ta' Stat Membru bil-ħsieb ta' tranżitu lejn Stat Membru ieħor – Dħul awtorizzat b'deroga għal raġunijiet umanitarji – Artikolu 2(m) – Kunċett ta' 'viża' – Artikolu 12 – Ħruġ ta' viża – Artikolu 13 – Qsim illegali ta' fruntiera esterna"*

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz – Wasla ta' numru eċċezzjonalment għoli ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jiksbu protezzjoni internazzjonali – Organizzazzjoni tal-qsim tal-fruntiera mill-awtoritajiet ta' Stat Membru bil-ħsieb ta' tranżitu lejn Stat Membru ieħor – Dħul awtorizzat b'deroga għal raġunijiet umanitarji – Artikolu 13 – Qsim illegali ta' fruntiera esterna – Terminu ta' tnax-il xahar mill-qsim tal-fruntiera – Artikolu 27 – Rimedju ġudizzjarju – Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju – Artikolu 29 – Terminu ta' sitt xhur għall-eżekuzzjoni tat-trasferiment – Kalkolu tat-termini – Użu ta' appell – Effett sospensiv"*

Fl-2016, ċittadin Sirjan (sentenza A. S., C-490/16) u l-membri ta' żewġ familji Afgani (sentenza Jafari, C-646/16), minkejja li ma kellhomx viża adegwata, qasmu l-fruntiera bejn il-Kroazja u s-Serbja. L-awtoritajiet Kroati organizzaw it-trasferiment ta' dawn il-persuni sal-fruntiera bejn il-Kroazja u s-Slovenja bil-għan li jgħinuhom jaslu fi Stati Membri oħra sabiex hemmhekk jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

Iċ-ċittadin Sirjan imbagħad ippreżenta tali applikazzjoni fis-Slovenja, filwaqt li l-membri tal-familja Afgani għamlu dan fl-Awstrija. Madankollu, kemm is-Slovenja u kemm l-Awstrija qiesu li, peress li l-applikanti kienu daħlu illegalment fil-Kroazja, kienu l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru li kellhom, skont ir-Regolament Dublin III, jeżaminaw l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali ta' dawn il-persuni.

Il-persuni kkonċernati kkontestaw permezz ta' rimedji legali d-deċiżjonijiet rispettivi tal-awtoritajiet Sloveni u Awstrijaċi, filwaqt li sostnew li d-dħul tagħhom fil-Kroazja ma setax jitqies li kien illegali u li, konformement mar-Regolament Dublin III, kienu għalhekk l-awtoritajiet Sloveni u Awstrijaċi li kellhom jeżaminaw l-applikazzjonijiet tagħhom.

F'dan il-kuntest, il-qrati tar-rinviju staqsew lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-dħul tal-persuni kkonċernati kellux jew le jitqies li kien illegali fis-sens tar-Regolament Dublin III. Barra minn hekk, il-qorti Awstrijaka xtaqet tkun taf ukoll jekk l-attitudni tal-awtoritajiet Kroati kinitx ekwivalenti għall-ħruġ ta' viża minn dan l-Istat Membru.

[23] Din is-sentenza tissemma wkoll fit-Taqsima III.2.1, intitolata "Nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet tekniki".

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, qabel kollox, li, fis-sens tar-Regolament Dublin III, viża hija "awtorizzazzjoni jew deċiżjoni ta' Stat Membru rekwiżita għal transitu jew dħul" fit-territorju ta' dan l-Istat Membru jew ta' diversi Stati Membri. Għaldaqstant, minn naħa, il-kunċett ta' viża jirreferi għal att adottat formalment minn amministrazzjoni nazzjonali, u mhux għal sempliċi tolleranza, u, min-naħa l-oħra, il-viża ma tistax titqies li hija l-istess bħall-ammissjoni fit-territorju ta' Stat Membru peress li l-viża hija meħtieġa preċiżament sabiex tkun permessa din l-ammissjoni.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-ammissjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz fit-territorju ta' Stat Membru ma tistax tiġi kklassifikata bħala viża, anki jekk din l-ammissjoni tkun dovuta għal ċirkustanzi straordinarji, ikkaratterizzati minn volum kbir ħafna ta' persuni li kienu qegħdin jippruvaw jidħlu fl-Unjoni. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-qsim ta' fruntiera bi ksur tal-kundizzjonijiet meħtieġa mil-leġiżlazzjoni applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat għandha neċessarjament titqies li hija "illegali", fis-sens tar-Regolament Dublin III.

Fir-rigward tal-possibbiltà li għandhom l-Istati Membri skont il-Kodiċi tal-Fruntieri Schengen [24], li jawtorizzaw liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għad-dħul imorru fit-territorju tagħhom għal raġunijiet umanitarji, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li tali awtorizzazzjoni tkun valida biss għat-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, u mhux għat-territorju tal-Istati Membri l-oħra.

Barra minn hekk, jekk jiġi aċċettat li d-dħul ta' ċittadin ta' pajjiż terz awtorizzat minn Stat Membru abbażi ta' raġunijiet umanitarji, b'deroga mill-kundizzjonijiet għad-dħul li bħala prinċipju japplikaw għal tali ċittadin, ma jikkostitwixxix qsim illegali tal-fruntiera, dan ikun jimplika li dan l-Istat Membru ma jkunx responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata minn din il-persuna fi Stat Membru ieħor. Issa, tali konklużjoni tkun inkompatibbli mar-Regolament Dublin III, li jagħti lill-Istat Membru li fih tali persuna tkun daħlet fit-territorju tal-Unjoni r-responsabbiltà sabiex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata minn din il-persuna. B'hekk, Stat Membru li jkun iddeċieda li jawtorizza, għal raġunijiet umanitarji, id-dħul fit-territorju tiegħu ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ma jkollux viża u li ma jibbenefikax minn eżenzjoni minn viża ma jistax jinħeles minn tali responsabbiltà.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunċett ta' "qsim illegali ta' fruntiera" jkopri wkoll is-sitwazzjoni fejn Stat Membru jaċċetta fit-territorju tiegħu ċittadini ta' pajjiż terz filwaqt li jinvoka raġunijiet umanitarji u filwaqt li jidderoga mill-kundizzjonijiet għad-dħul li bħala prinċipju japplikaw għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Barra minn hekk, filwaqt li għamlet riferiment għall-mekkaniżmi stabbiliti permezz tar-Regolament Dublin III, għad-Direttiva 2001/55 u għall-Artikolu 78(3) TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-fatt li l-qsim tal-fruntiera seħħ fil-kuntest ta' wasla ta' numru

[24] Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU 2006, L 105, p. 1), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 610/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 (ĠU 2013, L 182, p. 1, rettifika fil-ĠU 2014, L 225, p. 91).

eċċezzjonalment għoli ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li xtaqu jiksbu protezzjoni internazzjonali ma kienx determinanti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li t-teħid inkarigu ta' dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jista' jiġi ffaċilitat bl-użu minn Stati Membri oħra, b'mod unilaterali jew miftiehem, fi spirtu ta' solidarjetà, tal-"klawżola ta' sovranità", li tippermettilhom jiddeċiedu li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali ppreżentati quddiemhom, anki jekk dan l-eżami ma jkunx jaqa' taħt ir-responsabbiltà tagħhom bis-saħħa tal-kriterji tar-Regolament Dublin III.

Hija fakkret, fl-aħħar nett, li t-trasferiment ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali lejn l-Istat Membru responsabbli ma għandux jitwettaq jekk, wara l-wasla ta' numru eċċezzjonalment għoli ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu jixtiequ jiksbu protezzjoni internazzjonali, ikun hemm riskju reali li l-persuna kkonċernata ġġarrab trattamenti inumani u degradanti fil-każ li jitwettaq dan it-trasferiment.

## 2. Derogi mill-kriterji għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli

### 2.1. Riskju ta' ksur tal-Artikolu 4 tal-Karta

Ir-riskju ta' ksur tal-Artikolu 4 tal-Karta, li jipprovdi li "[ħ]add m'għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal pieni jew trattamenti inumani jew degradanti", jista' jkollu influwenza fuq id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għat-trattament tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali. Skont il-każ, jista' jkun hemm riskju:

- matul il-proċedura tal-ażil, minħabba nuqqasijiet sistemiċi f'din il-proċedura u fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru li lejh l-applikant ikollu jiġi ttrasferit;
- matul it-trasferiment lejn l-Istat Membru identifikat bħala responsabbli, minħabba l-kundizzjoni speċifika tal-applikant;
- fi tmiem il-proċedura tal-ażil, minħabba l-kundizzjonijiet tal-għejxien tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru li lejh l-applikant ikollu jiġi ttrasferit.

***Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011 (Awla Manja), N. S.* et *(C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865)***

*"Dritt tal-Unjoni – Prinċipji – Drittijiet fundamentali – Implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni – Projbizzjoni ta' trattament inuman jew degradanti – Sistema Ewropea komuni tal-ażil – Regolament (KE) Nru 343/2003 – Kunċett ta' 'pajjiż bla perikolu' – Trasferiment ta' applikant għall-ażil lejn l-Istat Membru responsabbli – Obbligu – Preżunzjoni konfutabbli li dan l-Istat Membru ser jirrispetta d-drittijiet fundamentali"*

Il-kawżi li taw lok għal din is-sentenza kienu jikkonċernaw diversi applikanti għall-ażil li kienu marru fir-Renju Unit jew fl-Irlanda wara li kienu daħlu fl-Unjoni Ewropea mill-Greċja u li kienu qegħdin joġġezzjonaw għat-trasferiment tagħhom lejn dan il-pajjiż tal-aħħar. Huma kienu qegħdin isostnu li l-proċeduri tal-ażil f'dan l-Istat Membru kienu

kkaratterizzati minn nuqqasijiet serji, li r-rata tal-għoti tal-ażil fil-Greċja kienet baxxa wisq, li r-rimedji ġudizzjarji hemmhekk kienu insuffiċjenti u ftit li xejn aċċessibbli u li l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tal-applikanti għall-ażil kienu inadegwati.

F'dan il-kuntest, il-qrati tar-rinviju staqsew lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, fid-dawl tas-saturazzjoni tas-sistema tal-ażil Griega u tal-effetti tagħha fuq it-trattament mogħti lill-applikanti u fuq l-eżami tal-applikazzjonijiet tagħhom, l-awtoritajiet ta' Stat Membru li kellhom jittrasferixxu applikanti lejn il-Greċja kellhomx jivverifikaw minn qabel jekk dan l-Istat kienx effettivament jirrispetta d-drittijiet fundamentali. Huma staqsew ukoll jekk, fil-każ li dan l-Istat ma kienx jirrispetta d-drittijiet fundamentali, dawn l-awtoritajiet kinux obbligati jaċċettaw ir-responsabbiltà li jeżaminaw huma stess l-applikazzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, fl-ewwel lok, li s-sistema Ewropea komuni tal-ażil kienet tfasslet f'kuntest li kien jippermetti li jitqies li l-Istati kollha li jipparteċipaw fiha kienu jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u li l-Istati Membri setgħu jistrieħu fuq fiduċja reċiproka f'dan ir-rigward. Filwaqt li bbażat ruħha fuq dan il-prinċipju, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk l-awtoritajiet nazzjonali li jkollhom iwettqu t-trasferiment lejn l-Istat responsabbli għall-applikazzjoni għall-ażil, identifikat skont ir-Regolament Dublin III, għandhomx jeżaminaw minn qabel jekk id-drittijiet fundamentali tal-persuni jiġux irrispettati f'dan l-Istat.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, għalkemm l-iċken ksur tar-regoli li jirregolaw id-dritt tal-ażil ma huwiex biżżejjed sabiex iwaqqaf it-trasferiment ta' applikant għall-ażil lejn l-Istat Membru normalment responsabbli, id-dritt tal-Unjoni jipprekludi l-applikazzjoni ta' preżunzjoni inkonfutabbli li l-Istat Membru identifikat bħala responsabbli jirrispetta d-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti mill-Unjoni. Fil-fatt, l-Istati Membri, inklużi l-qrati nazzjonali, huma obbligati ma jittrasferixxux applikant għall-ażil lejn l-Istat Membru identifikat bħala responsabbli meta ma jkunux jistgħu jinjoraw il-fatt li n-nuqqasijiet sistemiċi fil-proċedura tal-ażil u fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tal-applikanti għall-ażil jikkostitwixxu raġunijiet serji u kkonfermati sabiex wieħed jemmen li l-applikant ikun ser jiġi espost għal riskju reali li jkun suġġett għal trattamenti inumani u degradanti fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, bla ħsara għall-possibbiltà li jeżamina l-applikazzjoni huwa stess, l-Istat Membru li jkollu jittrasferixxi l-applikant lejn l-Istat responsabbli skont ir-Regolament u li jsibha impossibbli jagħmel dan, għandu jeżamina l-kriterji l-oħra tar-Regolament sabiex jivverifika jekk wieħed mill-kriterji ulterjuri jippermettix li jiġi identifikat Stat Membru ieħor bħala dak responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għall-ażil. F'dan ir-rigward, huwa għandu jiżgura li ma jaggravax is-sitwazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali ta' dan l-applikant permezz ta' proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli li ddum għal perijodu mhux raġonevoli. Jekk ikun hemm bżonn, huwa għandu jeżamina l-applikazzjoni huwa stess.

Għandu jiġi enfasizzat li, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, għall-ewwel darba, li riskju reali li wieħed ikun suġġett għal trattamenti inumani jew degradanti minħabba nuqqasijiet sistemiċi fil-proċedura tal-ażil u fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tal-applikanti għall-ażil fl-Istat Membru responsabbli jobbliga lill-Istati Membri

jidderogaw mill-kriterji għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli stabbiliti fir-Regolament Dublin II. Sussegwentement, dan il-prinċipju li joħroġ mill-ġurisprudenza ġie kkodifikat fir-Regolament Dublin III (it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2) [25]).

***Sentenza tal-14 ta' Novembru 2013 (Awla Manja), Puid (C-4/11, EU:C:2013:740)***

*"Ażil – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 4 –Regolament (KE) Nru 343/2003 – Artikolu 3(1) u (2) – Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għall-ażil ippreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz – Artikoli 6 sa 12 – Kriterji għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli – Artikolu 13 – Klawżola residwa"*

K. Puid, ċittadin Iranjan, daħal b'mod illegali fil-Ġermanja wara li kien għadda mill-Greċja. L-applikazzjoni għall-ażil tiegħu ppreżentata fil-Ġermanja ġiet iddikjarata inammissibbli għar-raġuni li, skont ir-Regolament Dublin II, il-Greċja kienet l-Istat Membru kompetenti sabiex jeżamina din l-applikazzjoni. Wara t-trasferiment tiegħu lejn dan l-aħħar Stat, K. Puid madankollu ppreżenta rikors għall-annullament tad-deċiżjoni li kienet iddikjarat inammissibbli l-applikazzjoni għall-ażil tiegħu u li kienet ordnat it-trasferiment tiegħu lejn il-Greċja. Dan ir-rikors intlaqa' fl-ewwel istanza għaliex il-qorti qieset li, fid-dawl tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tal-applikanti għall-ażil u tat-trattament tal-applikazzjonijiet għall-ażil fil-Greċja, il-Ġermanja kienet obbligata teżamina l-applikazzjoni.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju, adita b'appell mid-deċiżjoni tal-qorti tal-ewwel istanza, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, jekk ir-Regolament Dublin II jagħtix lill-applikant għall-ażil id-dritt li jeżiġi li Stat Membru jeżamina l-applikazzjoni tiegħu jekk dan l-Istat ma jkunx jista' jittrasferixxih, minħabba riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, lejn l-Istat Membru inizjalment identifikat bħala dak kompetenti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, qabel kollox, li Stat Membru huwa obbligat li ma jittrasferixxix applikant għall-ażil lejn l-Istat Membru inizjalment identifikat bħala responsabbli meta n-nuqqasijiet sistemiċi fil-proċedura tal-ażil u fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tal-applikanti għall-ażil fl-Istat Membru inizjalment identifikat jikkostitwixxu raġunijiet serji u kkonfermati sabiex wieħed jemmen li l-applikant ikun ser jiġi espost għar-riskju reali li jkun suġġett għal trattamenti inumani jew degradanti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, għalkemm, meta jsib ruħu f'tali sitwazzjoni, Stat Membru jista' jiddeċiedi li jeżamina l-applikazzjoni huwa stess, huwa ma huwiex, bħala prinċipju, obbligat jagħmel dan. F'dan il-każ, huwa għandu jidentifika l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għall-ażil billi jkompli bl-eżami tal-kriterji stabbiliti fir-Regolament. Jekk ma jirnexxilux jidentifikah, l-ewwel Stat Membru li fih tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni jkun dak responsabbli għall-eżami tagħha.

[25] "Fejn huwa impossibbli li applikant jiġi trasferit għall-Istat Membru primarjament nominat bħala responsabbli għax ikun hemm raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen li hemm difetti sistemiċi fil-proċedura tal-asil u fil-kondizzjonijiet ta' akkoljenza għall-applikanti f'dak l-Istat Membru, li jirriżultaw f'riskju ta' trattament inuman jew degradanti fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Istat Membru determinanti għandu jkompli jeżamina l-kriterji stipulati fil-Kapitolu III sabiex jistabbilixxi jekk Stat Membru ieħor jistax jiġi nominat bħala responsabbli."

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-applikant għall-ażil għandu jiżgura li ma jaggravax is-sitwazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali ta' dan l-applikant permezz ta' proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli li ddum għal perijodu mhux raġonevoli. Għaldaqstant, jekk ikun hemm bżonn, huwa għandu jeżamina l-applikazzjoni huwa stess.

***Sentenza tas-16 ta' Frar 2017 (Il-Ħames Awla), C. K. et (C-578/16 PPU, EU:C:2017:127)*** [26]

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Fruntieri, ażil u immigrazzjoni – Sistema ta' Dublin – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Trattamenti inumani jew degradanti – Trasferiment ta' applikant għall-ażil marid gravi lejn l-Istat responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu – Assenza ta' raġunijiet serji sabiex wieħed jemmen li jeżistu nuqqasijiet sistemiċi kkonfermati f'dan l-Istat Membru – Obbligi imposti fuq l-Istat Membru li għandu jipproċedi bit-trasferiment"*

Ċittadina Sirjana u ċittadin Eġizzjan kienu daħlu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea permezz ta' viża maħruġa mill-Kroazja, u sussegwentement ippreżentaw applikazzjoni għall-ażil fis-Slovenja. Għaldaqstant, l-awtoritajiet Sloveni bagħtu lill-awtoritajiet Kroati talba sabiex dawn tal-aħħar jieħdu l-inkarigu għalihom sa fejn il-Kroazja kienet l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjonijiet tagħhom għal protezzjoni internazzjonali, taħt l-Artikolu 12(2) tar-Regolament Dublin III. Il-Kroazja laqgħet din it-talba. Madankollu, peress li ċ-ċittadina Sirjana kienet tqila, it-trasferiment tal-persuni kkonċernati kellu jiġi pospost sat-twelid tal-wild. Sussegwentement, il-persuni kkonċernati oġġezzjonaw għat-trasferiment tagħhom lejn il-Kroazja billi invokaw il-fatt li dan kien ser ikollu konsegwenzi negattivi fuq l-istat ta' saħħa taċ-ċittadina Sirjana (li kellha tqala diffiċli u li minn meta welldet kienet bdiet issofri minn problemi ta' natura psikoloġika), li setgħu jaffettwaw ukoll il-benesseri tat-tarbija, kif ukoll il-fatt li huma kienu l-vittmi ta' kummenti u ta' vjolenzi b'motivazzjoni razzjali fil-Kroazja.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk, f'ċirkustanzi fejn it-trasferiment ta' applikant għall-ażil, li jkollu problemi psikoloġiċi jew fiżiċi partikolarment gravi, ikun ser jimplika r-riskju reali u kkonfermat ta' deterjorament sinjifikattiv u irrimedjabbli fl-istat ta' saħħa tal-persuna kkonċernata, dan it-trasferiment jikkostitwixxix trattament inuman u degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta u, fl-affermattiv, jekk l-Istat Membru kkonċernat huwiex obbligat japplika l-"klawżola diskrezzjonali" prevista fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament Dublin III u jeżamina huwa stess l-applikazzjoni għall-ażil inkwistjoni.

B'kontinwazzjoni tal-ġurisprudenza tagħha li toħroġ mis-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, N. S. et (C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, anki fl-assenza ta' raġunijiet serji sabiex wieħed jemmen li jkun hemm nuqqasijiet sistemiċi fl-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għall-ażil, it-trasferiment ta' applikant jista' jitwettaq biss f'kundizzjonijiet li jeskludu li dan it-trasferiment ikun ser jimplika riskju reali u kkonfermat li l-persuna kkonċernata ġġarrab trattamenti inumani jew degradanti, li huma pprojbiti mill-Artikolu 4 tal-Karta.

[26] Din is-sentenza tissemma wkoll fit-Taqsima I.2.2., intitolata "Klawżola diskrezzjonali tal-Istat Membru responsabbli".

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li jikkostitwixxi tali trattament it-trasferiment ta' applikant għall-ażil li jkun isofri minn problemi psikoloġiċi jew fiżiċi partikolarment gravi jekk dan it-trasferiment ikun ser jimplika riskju reali u kkonfermat ta' deterjorament sinjifikattiv u irrimedjabbli tal-istat ta' saħħa tal-persuna kkonċernata. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, f'każ bħal dan l-awtoritajiet tal-Istat Membru li suppost iwettaq it-trasferiment u, jekk ikun il-każ, il-qrati tiegħu, għandhom jeliminaw kull dubju serju dwar l-impatt tat-trasferiment fuq l-istat ta' saħħa tal-persuna kkonċernata, filwaqt li jieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex it-trasferiment tagħha jitwettaq f'kundizzjonijiet li jippermettu l-ħarsien b'mod adegwat u suffiċjenti ta' dan l-istat ta' saħħa. Fil-każ li, fid-dawl tal-gravità partikolari tal-problemi tal-applikant għall-ażil ikkonċernat, il-prekawzjonijiet meħuda f'dan is-sens ma jkunux ser ikunu biżżejjed sabiex jiġi żgurat li t-trasferiment tiegħu ma huwiex ser jimplika riskju reali ta' aggravazzjoni sinjifikattiva u irrimedjabbli tal-istat ta' saħħa tiegħu, l-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat għandhom jissospendu l-eżekuzzjoni tat-trasferiment tal-persuna kkonċernata sakemm l-istat tagħha ma jippermettix li jitwettaq tali trasferiment.

Barra minn hekk, jekk l-Istat Membru jipperċepixxi li l-istat ta' saħħa tal-applikant għall-ażil ikkonċernat ma jkunx ser jitjieb fuq perijodu qasir ta' żmien, jew jekk ikun hemm riskju li s-sospensjoni fit-tul tal-proċedura taggrava l-istat ta' saħħa tal-persuna kkonċernata, dan l-Istat Membru jista' jagħżel li jeżamina huwa stess l-applikazzjoni inkwistjoni billi juża l-"klawżola diskrezzjonali", mingħajr madankollu ma huwa obbligat li jagħmel dan. B'dan premess, fil-każ li l-istat ta' saħħa tal-applikant għall-ażil ikkonċernat ma jippermettix lill-Istat Membru rikjedenti jwettaq it-trasferiment tiegħu qabel l-iskadenza tat-terminu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament Dublin III, l-Istat Membru responsabbli jinħeles, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, mill-obbligu tiegħu li jieħu responsabbiltà għall-persuna kkonċernata u f'dan il-każ ir-responsabbiltà tgħaddi għand l-ewwel Stat Membru.

***Sentenza tad-19 ta' Marzu 2019 (Awla Manja), Jawo (C-163/17, EU:C:2019:218)*** [27]

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Sistema ta' Dublin – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Trasferiment tal-applikant għall-ażil lejn l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali – Kunċett ta' 'ħarba' – Modalitajiet ta' estensjoni tat-terminu ta' trasferiment – Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Riskju serju ta' trattament inuman jew degradanti fi tmiem il-proċedura tal-ażil – Kundizzjonijiet tal-għejxien tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fl-imsemmi Stat Membru"*

Ċittadin Gambjan kien daħal fl-Unjoni Ewropea mill-Italja u kien ippreżenta applikazzjoni għall-ażil hemmhekk qabel ma mar il-Ġermanja, fejn ippreżenta applikazzjoni ġdida. Wara li talbu lill-awtoritajiet Taljani jieħdu lura lill-individwu kkonċernat, l-awtoritajiet Ġermaniżi ċaħdu l-applikazzjoni għall-ażil tiegħu u ordnaw it-tneħħija tiegħu lejn l-Italja. L-ewwel tentattiv ta' trasferiment ma rnexxiex minħabba li l-applikant ma kienx jinsab fl-istruttura ta' akkomodazzjoni allokata lilu. L-awtoritajiet Ġermaniżi, peress li qiesu li huwa kien ħarab, kienu informaw lill-awtoritajiet Taljani dwar l-impossibbiltà li jwettqu t-

[27] Din is-sentenza tissemma wkoll fit-Taqsima II.3., intitolata "Terminu għat-trasferiment".

trasferiment u dwar l-estensjoni tat-terminu, konformement mal-Artikolu 29(2) tar-Regolament Dublin III. Dan l-artikolu jipprevedi li t-terminu għat-trasferiment huwa ta' sitt xhur, iżda jista' jiġi estiż sa massimu ta' tmintax-il xahar meta l-applikant ikun ħarab. Sussegwentement, l-individwu kkonċernat indika li kien mar iżur lil ħabib tiegħu u li ma kienx jaf li kellu javża dwar l-assenzi tiegħu. B'mod parallel, huwa ppreżenta rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment u, wara ċ-ċaħda tiegħu, ippreżenta appell quddiem il-qorti tar-rinviju. Fil-kuntest ta' dan l-appell, huwa sostna li, peress li ma kienx ħarab, l-awtoritajiet Ġermaniżi ma kellhomx dritt jestendu t-terminu għat-trasferiment tiegħu lejn l-Italja. Huwa invoka wkoll l-eżistenza, fl-Italja, ta' nuqqasijiet sistemiċi fil-qasam tal-ażil, li kienu jostakolaw it-trasferiment tiegħu lejn dan l-Istat.

Il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, dwar il-legalità ta' tali trasferiment meta jkun hemm riskju li l-persuna kkonċernata tkun ser tiġi suġġetta għal trattament inuman jew degradanti fi tmiem il-proċedura tal-ażil minħabba l-kundizzjonijiet tal-għejxien tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru normalment responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tagħha.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għalkemm l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin III jkopri biss is-sitwazzjoni li kienet tat lok għas-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, N. S.et (C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865), fejn dan ir-riskju kien jirriżulta minn nuqqasijiet sistemiċi matul il-proċedura tal-ażil, trasferiment għandu madankollu jiġi eskluż meta jkun hemm raġunijiet serji u kkonfermati sabiex wieħed jemmen li tali riskju jeżisti, kemm jekk fil-mument stess tat-trasferiment, matul il-proċedura tal-ażil jew inkella fi tmiemha. Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li r-realtà tan-nuqqasijiet allegati għandha tiġi evalwata, mill-qorti nazzjonali adita b'rikors kontra deċiżjoni ta' trasferiment, abbażi ta' elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament aġġornati u fid-dawl tal-istandard ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ggarantit mid-dritt tal-Unjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li dawn in-nuqqasijiet għandhom jilħqu livell partikolarment għoli ta' gravità. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-għejxien tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, dan il-livell jintlaħaq meta l-indifferenza tal-awtoritajiet nazzjonali jkollha l-konsegwenza li persuna ssib ruħha, indipendentement mir-rieda tagħha u mill-għażliet personali tagħha, f'sitwazzjoni ta' deprivazzjoni materjali estrema, li ma tħallihiex tissodisfa l-iktar ħtiġijiet bażiċi tagħha u li ddgħajjef is-saħħa fiżika jew mentali tagħha jew id-dinjità umana tagħha. Għall-kuntrarju, il-fatt li l-forom ta' solidarjetà familjari, li jużaw iċ-ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat sabiex jiġu indirizzati l-insuffiċjenzi tas-sistema soċjali, huma ġeneralment neqsin għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali ma jistax ikun biżżejjed sabiex jiġġustifika l-konstatazzjoni li applikant ikun ser isib ruħu, fil-każ ta' trasferiment lejn dan l-Istat Membru, f'tali sitwazzjoni. Bl-istess mod, l-eżistenza ta' nuqqasijiet fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' integrazzjoni ta' dawn il-benefiċjarji hija insuffiċjenti sabiex tiġi stabbilita tali konstatazzjoni. Fi kwalunkwe każ, is-sempliċi fatt li l-protezzjoni soċjali u/jew il-kundizzjonijiet tal-għejxien ikunu iktar favorevoli fl-Istat Membru rikjedenti milli fl-Istat Membru li jkun normalment responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni, ma huwiex suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li jeżisti riskju ta' trattament inuman jew degradanti fit-tieni Stat Membru.

***Sentenza tad-29 ta' Frar 2024 (Ir-Raba' Awla), Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Fiduċja reċiproka fil-każ ta' trasferiment) (C-392/22, EU:C:2024:195)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika komuni fil-qasam tal-ażil u tal-immigrazzjoni – Applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 4 – Riskji ta' trattament inuman jew degradanti – Kriterji u mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Artikolu 3(2) – Portata tal-obbligi tal-Istat Membru li talab it-teħid lura tal-applikant mill-Istat Membru responsabbli u li jixtieq jipproċedi għat-trasferiment tal-applikant lejn dan l-aħħar Stat Membru – Prinċipju ta' fiduċja reċiproka – Mezzi u livell ta' prova tar-riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti, li jirriżulta minn nuqqasijiet sistemiċi – Prattiki ta' ritorn lura sommarju (pushback) lejn pajjiż terz u ta' detenzjoni fil-punti ta' qsim tal-fruntiera"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mir-rechtbank Den Haag, zittingsplaats' s-Hertogenbosch (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, sedenti f'Hertogenbosch, il-Pajjiżi l-Baxxi), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-portata tal-obbligi tal-Istat Membru li jitlob it-teħid lura tal-applikant għal protezzjoni internazzjonali mill-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' din l-applikazzjoni fis-sitwazzjoni fejn dan l-aħħar Stat jirrikorri għal prattiki bħalma huma r-ritorn lura sommarju ("pushback") u d-detenzjoni fil-punti ta' qsim tal-fruntiera.

Fid-9 ta' Novembru 2021, X, ċittadin Sirjan, ippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fil-Polonja. Sussegwentement, fl-21 ta' Novembru 2021, huwa daħal fil-Pajjiżi l-Baxxi, fejn, l-għada, ippreżenta applikazzjoni ġdida għal protezzjoni internazzjonali. Fl-1 ta' Frar 2022, il-Polonja laqgħet it-talba tal-Pajjiżi l-Baxxi għat-teħid lura ta' X skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Dublin III. Sussegwentement, permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' April 2022, l-iStaatssecretaris van Justitie en Veiligheid (is-Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja u għas-Sigurtà, il-Pajjiżi l-Baxxi) ma ħax inkunsiderazzjoni l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata minn X fil-Pajjiżi l-Baxxi, minħabba li l-Polonja kienet responsabbli għall-eżami ta' din l-applikazzjoni, u ċaħad l-argumenti invokati minn X sabiex joġġezzjona għat-trasferiment tiegħu.

X adixxa lill-qorti tar-rinviju b'rikors kontra din id-deċiżjoni, intiż li jikseb il-projbizzjoni tat-trasferiment tiegħu lejn il-Polonja filwaqt li sostna, b'mod partikolari, li l-awtoritajiet Pollakki kisru d-drittijiet fundamentali tiegħu. Skont id-dikjarazzjonijiet tiegħu, huwa kien, minn naħa, is-suġġett ta' tliet ritorni sommarji lejn il-Bjelorussja wara d-dħul tiegħu fit-territorju Pollakk. Min-naħa l-oħra, huwa kien inżamm f'detenzjoni għal madwar ġimgħa fiċ-ċentru tal-gwardji tal-fruntieri fejn kien suġġett għal trattament ħażin ħafna, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' ikel u l-assenza ta' kull kontroll mediku. X indika li kien jibża' li d-drittijiet fundamentali tiegħu kienu ser jinkisru mill-ġdid jekk jiġi ttrasferit lejn il-Polonja.

Il-qorti tar-rinviju qieset li informazzjoni oġġettiva, affidabbli, preċiża u debitament aġġornata turi li l-Polonja ilha tikser b'mod sistematiku, għal diversi snin, diversi drittijiet fundamentali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi billi tagħmel ritorni sommarji, regolarment akkumpanjati minn użu ta' vjolenza, u billi żżomm sistematikament u taħt kundizzjonijiet

ikklassifikati bħala "terribbli" liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu illegalment fit-territorju tagħha.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, dwar il-kwistjoni ta' jekk il-fatt li l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ta' ċittadin ta' pajjiż terz jipproċedi, fir-rigward ta' tali ċittadini li jkunu qegħdin ifittxu li jippreżentaw tali applikazzjoni fil-fruntiera tiegħu, b'ritorni sommarji kif ukoll b'detenzjonijiet fil-punti ta' qsim tal-fruntieri tiegħu jipprekludix it-trasferiment ta' dan iċ-ċittadin lejn dan l-Istat Membru. Hija talbet ukoll, min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja, indikazzjonijiet dwar l-evalwazzjoni tal-eżistenza tar-riskju għal dan iċ-ċittadin li jkun suġġett għal trattamenti inumani jew degradanti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat, qabelxejn, li prattiki ta' ritorn sommarju u miżuri ta' detenzjoni fil-postijiet tal-fruntiera bħal dawk ikkonstatati f'dan il-każ mill-qorti tar-rinviju huma inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u jikkostitwixxu nuqqasijiet gravi fil-proċedura tal-ażil u fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tal-applikanti. Fil-fatt, minn naħa, il-prattika ta' ritorn sommarju tikser l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2013/32, li huwa wieħed mill-pedamenti tas-sistema Ewropea komuni tal-ażil. Min-naħa l-oħra, din tista' tikser il-prinċipju ta' non-refoulement, iggarantit, bħala dritt fundamentali, fl-Artikolu 18 tal-Karta, moqri flimkien mal-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni ta' Genève [28], kif ukoll fl-Artikolu 19(2) tal-Karta. Fir-rigward tal-prattika ta' detenzjoni fil-punti ta' qsim tal-fruntiera, il-premessa 15 tad-Direttiva 2013/33, kif ukoll il-premessa 20 tar-Regolament Dublin III, ifakkru l-prinċipju li ħadd ma għandu jinżamm f'detenzjoni għas-sempliċi raġuni li huwa japplika għal protezzjoni internazzjonali.

Madankollu, il-fatt li l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ta' ċittadin ta' pajjiż terz jagħmel ritorni sommarji kif ukoll detenzjonijiet fil-punti tal-qsim tal-fruntieri tiegħu ma jipprekludix, fih innifsu, it-trasferiment ta' dan iċ-ċittadin lejn dan l-Istat Membru. Fil-fatt, sabiex dan it-trasferiment jiġi eskluż, in-nuqqasijiet ikkonstatati għandhom jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet kumulattivi stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin III, li jipprovdi li huma biss in-nuqqasijiet "sistemiċi" li "jirriżultaw f'riskju ta' trattament inuman jew degradanti fis-sens tal-Artikolu 4 tal-[Karta]" li jagħmlu tali trasferiment impossibbli. Minn dan jirriżulta li, minn naħa, in-nuqqasijiet ikkonstatati għandhom jikkonċernaw, b'mod ġenerali, il-proċedura tal-ażil u l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza applikabbli għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew, tal-inqas, għal ċerti gruppi ta' dawn l-applikanti kkunsidrati flimkien. Min-naħa l-oħra, huwa neċessarju li jkunu jeżistu raġunijiet serji u kkonfermati sabiex wieħed jemmen li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun ser jiġi espost, waqt it-trasferiment jew wara t-trasferiment, għal riskju reali li jkun suġġett għall-prattiki msemmija iktar 'il fuq u li dawn jkunu jistgħu jqegħduh f'sitwazzjoni ta' deprivazzjoni materjali estrema ta' gravità tali li tista' tiġi assimilata ma' trattament inuman jew degradanti, ipprojbit mill-Artikolu 4 tal-Karta.

Fir-rigward tal-livell u tal-produzzjoni ta' prova li tippermetti li topera l-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin III, hemm lok, fl-assenza ta'

[28] Konvenzjoni ta' Genève dwar l-Istatus ta' Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif issupplimentata bil-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967.

preċiżazzjonijiet partikolari f'din id-dispożizzjoni, li jsir riferiment għad-dispożizzjonijiet ġenerali u għall-istruttura ta' dan ir-regolament. Minn dawn jirriżulta li, l-ewwel nett, l-Istat Membru li jkun jixtieq jittrasferixxi applikant għal protezzjoni internazzjonali lejn l-Istat Membru responsabbli għandu, qabel ma jkun jista' jwettaq dan it-trasferiment, jieħu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni kollha li jipprovdilu l-imsemmi applikant, b'mod partikolari fir-rigward tal-eventwali eżistenza ta' riskju reali li jiġi suġġett, fil-mument tal-imsemmi trasferiment jew sussegwentement għalih, għal trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta. It-tieni nett, l-Istat Membru li jkun talab it-teħid lura ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali għandu jikkoopera fl-istabbiliment tal-fatti billi jevalwa r-realtà ta' dan ir-riskju, abbażi ta' elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament aġġornati, u fid-dawl tal-istandard ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ggarantit mid-dritt tal-Unjoni, jekk ikun il-każ billi jieħu inkunsiderazzjoni, fuq inizjattiva tiegħu stess, l-informazzjoni rilevanti li huwa ma jistax ma jkunx jaf biha fir-rigward ta' eventwali nuqqasijiet sistemiċi fil-proċedura tal-ażil u fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru responsabbli. It-tielet nett, fil-każ ta' raġunijiet serji u kkonfermati sabiex wieħed jemmen li jkun jeżisti riskju reali ta' trattament li jmur kontra l-Artikolu 4 tal-Karta fil-każ ta' trasferiment, dan l-Istat Membru għandu jastjeni milli jwettaq dan it-trasferiment. F'tali każ, l-Istat Membru inkarigat mid-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għandu jkompli bl-eżami tal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament Dublin III sabiex jistabbilixxi jekk Stat Membru ieħor ikunx jista' jiġi identifikat bħala responsabbli.

B'dan premess, l-Istat Membru li jkun jixtieq jipproċedi bit-trasferiment jista' jfittex li jikseb mill-Istat Membru responsabbli garanziji individwali li jkunu suffiċjenti sabiex jeskludi r-riskju reali ta' trattamenti inumani jew degradanti fil-każ ta' trasferiment u, jekk tali garanziji jkunu pprovduti u jidhru kemm kredibbli kif ukoll suffiċjenti sabiex jiġi eskluż kull riskju reali ta' tali trattamenti, ikun jista' jipproċedi bit-trasferiment.

## 2.2. Klawżola diskrezzjonali tal-Istat Membru kkonċernat

Bis-saħħa tal-klawżoli diskrezzjonali previsti fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin II, u mbagħad fl-Artikolu 17 tar-Regolament Dublin III, kull Stat Membru jista' jeżamina applikazzjoni għall-ażil ippreżentata quddiemu minn ċittadin ta' pajjiż terz, anki jekk dan l-eżami ma jkunx jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu bis-saħħa tal-kriterji stabbiliti f'dawn ir-regolamenti.

***Sentenza tat-30 ta' Mejju 2013 (Ir-Raba' Awla), Halaf (C-528/11, EU:C:2013:342)***

*"Ażil – Regolament (KE) Nru 343/2003 – Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-ażil ippreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz – Artikolu 3(2) – Setgħa ta' evalwazzjoni tal-Istati Membri – Rwol tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati – Obbligu tal-Istati Membri li jistiednu lil din l-istituzzjoni tippreżenta opinjoni – Assenza"*

Z.-F. Halaf, ċittadin Iraqi, kien ippreżenta applikazzjoni għall-ażil fil-Bulgarija. Minn tfittxija fis-sistema Eurodac irriżulta li huwa kien diġà ppreżenta applikazzjoni għall-ażil fil-Greċja u għalhekk l-awtorità Bulgara talbet lill-awtoritajiet Griegi jiħduh lura taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Fl-assenza ta' tweġiba għal din it-talba fit-terminu stabbilit fir-Regolament Dublin II [29], l-awtorità Bulgara qieset [30] li r-Repubblika Ellenika kienet aċċettat li tieħu lura lil Z.-F. Halaf u awtorizzat it-trasferiment tiegħu lejn il-Greċja. Dan tal-aħħar ippreżenta rikors quddiem il-qorti tar-rinviju u talab l-annullament ta' din id-deċiżjoni tal-aħħar. Insostenn ta' dan ir-rikors huwa invoka, b'mod partikolari, il-fatt li l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati kien stieden lill-gvernijiet Ewropej ma jibqgħux jittrasferixxu l-applikanti għall-ażil lejn il-Greċja.

Il-qorti tar-rinviju kellha dubju dwar il-possibbiltà li tapplika l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin II f'tali kuntest, fid-dawl tal-fatt li, fil-każ ta' Z.-F. Halaf, ma kien hemm ebda ċirkustanza li kienet tippermetti l-applikazzjoni tal-klawżola umanitarja li tinsab fl-Artikolu 15 ta' dan ir-regolament.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja, qabel kollox, iddeċidiet li l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin II kien jippermetti lil Stat Membru, li skont il-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu III ta' dan ir-regolament ma jkunx identifikat bħala dak responsabbli, jeżamina applikazzjoni għall-ażil anki jekk ma jkun hemm ebda ċirkustanza li tagħmel applikabbli l-klawżola umanitarja li tinsab fl-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament. Din il-possibbiltà ma hijiex suġġetta għall-fatt li l-Istat Membru responsabbli skont l-imsemmija kriterji ma jkunx wieġeb għal talba għal teħid lura tal-applikant għall-ażil ikkonċernat. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi ppreċiżat li l-Istat Membru li fih ikun jinsab l-applikant għall-ażil ma huwiex obbligat, matul il-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, jitlob l-opinjoni tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati meta mid-dokumenti ta' din l-organizzazzjoni jirriżulta li l-Istat Membru, li skont il-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament Dublin II ikun identifikat bħala dak responsabbli, jikser ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-ażil.

***Sentenza tas-16 ta' Frar 2017 (Il-Ħames Awla), C. K. et (C-578/16 PPU, EU:C:2017:127)*** [31]

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Fruntieri, ażil u immigrazzjoni – Sistema ta' Dublin – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Trattamenti inumani jew degradanti – Trasferiment ta' applikant għall-ażil marid gravi lejn l-Istat responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu – Assenza ta' raġunijiet serji sabiex wieħed jemmen li jeżistu nuqqasijiet sistemiċi kkonfermati f'dan l-Istat Membru – Obbligi imposti fuq l-Istat Membru li għandu jipproċedi bit-trasferiment"*

Ċittadina Sirjana u ċittadin Eġizzjan kienu daħlu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea permezz ta' viża maħruġa mill-Kroazja, u sussegwentement ippreżentaw applikazzjoni għall-ażil fis-Slovenja. Għaldaqstant, l-awtoritajiet Sloveni bagħtu lill-awtoritajiet Kroati talba sabiex dawn tal-aħħar jieħdu l-inkarigu għalihom sa fejn il-Kroazja kienet l-Istat Membru

29 It-tieni sentenza tal-punt (b) tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Dublin II.
30 Abbażi tal-Artikolu 20(1)(c) ta' dan ir-regolament.
31 Din is-sentenza tissemma wkoll fit-Taqsima I.2.1., intitolata "Riskju ta' ksur tal-Artikolu 4 tal-Karta" (f'din it-taqsima ser tiġi indirizzata biss il-kwistjoni tal-klawżola diskrezzjonali).

responsabbli għall-eżami tal-applikazzjonijiet tagħhom għal protezzjoni internazzjonali, taħt l-Artikolu 12(2) tar-Regolament Dublin III. Il-Kroazja laqgħet din it-talba. Madankollu, peress li ċ-ċittadina Sirjana kienet tqila, it-trasferiment tal-persuni kkonċernati kellu jiġi pospost sat-twelid tal-wild. Sussegwentement, il-persuni kkonċernati oġġezzjonaw għat-trasferiment tagħhom lejn il-Kroazja billi invokaw il-fatt li dan kien ser ikollu konsegwenzi negattivi fuq l-istat ta' saħħa taċ-ċittadina Sirjana (li kellha tqala diffiċli u li minn meta welldet kienet bdiet issofri minn problemi ta' natura psikoloġika), li setgħu jaffettwaw ukoll il-benesseri tat-tarbija, kif ukoll il-fatt li huma kienu l-vittmi ta' kummenti u ta' vjolenzi b'motivazzjoni razzjali fil-Kroazja.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk, f'ċirkustanzi fejn it-trasferiment ta' applikant għall-ażil, li jkollu problemi psikoloġiċi jew fiżiċi partikolarment gravi, ikun ser jimplika r-riskju reali u kkonfermat ta' deterjorament sinjifikattiv u irrimedjabbli fl-istat ta' saħħa tal-persuna kkonċernata, dan it-trasferiment jikkostitwixxix trattament inuman u degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta u, fl-affermattiv, jekk l-Istat Membru kkonċernat huwiex obbligat japplika l-"klawżola diskrezzjonali" prevista fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament Dublin III u jeżamina huwa stess l-applikazzjoni għall-ażil inkwistjoni.

Fir-rigward tal-klawżola diskrezzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja qabel kollox iddikjarat li l-kwistjoni tal-applikazzjoni, minn Stat Membru, ta' din il-klawżola ma hijiex kwistjoni li taqa' biss taħt id-dritt nazzjonali u taħt l-interpretazzjoni mogħtija lil dan id-dritt mill-qorti kostituzzjonali ta' dan l-Istat Membru, iżda tikkostitwixxi kwistjoni ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE. Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, jekk l-Istat Membru jipperċepixxi li l-istat ta' saħħa tal-applikant għall-ażil ikkonċernat ma jkunx ser jitjieb fuq perijodu qasir ta' żmien, jew jekk ikun hemm riskju li s-sospensjoni fit-tul tal-proċedura taggrava l-istat ta' saħħa tal-persuna kkonċernata, dan l-Istat Membru jista' jagħżel li jeżamina huwa stess l-applikazzjoni inkwistjoni billi juża l-"klawżola diskrezzjonali". B'dan premess, l-Artikolu 17(1) tar-Regolament Dublin III, moqri fid-dawl tal-Artikolu 4 tal-Karta, ma jistax jiġi interpretat, f'sitwazzjoni bħal dik li kienet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fis-sens li jimplika l-obbligu għal dan l-Istat Membru li japplika din il-klawżola. Madankollu, fil-każ li l-istat ta' saħħa tal-applikant għall-ażil ikkonċernat ma jippermettix lill-Istat Membru rikjedenti jwettaq it-trasferiment tiegħu qabel l-iskadenza tat-terminu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament Dublin III, l-Istat Membru responsabbli jinħeles, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, mill-obbligu tiegħu li jieħu responsabbiltà għall-persuna kkonċernata u f'dan il-każ ir-responsabbiltà tgħaddi għand l-ewwel Stat Membru.

***Sentenza tat-23 ta' Jannar 2019 (L-Ewwel Awla), M. A. et (C-661/17, [EU:C:2019:53](EU:C:2019:53))***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika tal-ażil – Kriterji u mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Klawżoli diskrezzjonali – Kriterji ta' evalwazzjoni"*

Fl-10 ta' Jannar 2017, l-International Protection Appeals Tribunal (IPAT, l-Irlanda) ikkonferma deċiżjoni tal-Kummissarju għar-Refuġjati Irlandiż li rrakkomandat it-trasferiment ta' S.A. u ta' M.A., kif ukoll tal-wild tagħhom, A.Z., lejn ir-Renju Unit. Il-Kummissarju qies li r-Renju Unit kien il-pajjiż responsabbli fir-rigward tal-applikazzjonijiet

għall-ażil ippreżentati minn S.A. u minn M.A. abbażi tar-Regolament Dublin III. L-IPAT qies li ma kienx kompetenti sabiex jeżerċita l-possibbiltà mogħtija mill-klawżola diskrezzjonali prevista fl-imsemmi regolament, li tipprovdi li kull Stat Membru jista' jiddeċiedi li jipproċedi bl-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata quddiemu anki jekk dan l-eżami ma jkunx jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu skont il-kriterji għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli.

Adita b'rikors kontra d-deċiżjoni tal-IPAT, il-qorti tar-rinviju qieset li, sabiex taqta' t-tilwima li kellha quddiemha, kien meħtieġ, qabelxejn, li jiġu ddeterminati l-implikazzjonijiet li seta' jkollu l-proċess ta' ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fir-rigward tas-sistema ta' Dublin. Hija għalhekk għamlet diversi domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, qabel kollox, li l-komunikazzjoni minn Stat Membru tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni konformement mal-Artikolu 50 TUE ma għandhiex l-effett li tissospendi l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni f'dan l-Istat Membru u li, għaldaqstant, dan id-dritt jibqa' kompletament fis-seħħ f'dan l-Istat sal-ħruġ effettiv tiegħu mill-Unjoni.

Sussegwentement, hija rrilevat li mill-formulazzjoni tal-klawżola diskrezzjonali prevista fir-Regolament Dublin III joħroġ b'mod ċar li din il-klawżola hija ta' natura fakultattiva u li l-possibbiltà li tiġi applikata din il-klawżola ma hija suġġetta, barra minn hekk, għal ebda kundizzjoni partikolari. L-għan ta' din il-klawżola huwa li tippermetti lil kull Stat Membru jiddeċiedi, bl-eżerċizzju tas-sovranità tiegħu u abbażi ta' kunsiderazzjonijiet politiċi, umanitarji jew prattiċi, li jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali anki jekk ma jkunx l-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji ddefiniti fl-imsemmi regolament. Din il-konstatazzjoni hija konformi mal-għan tal-imsemmija klawżola, jiġifieri li jinżammu l-prerogattivi tal-Istati Membri fl-eżerċizzju tad-dritt li jagħtu protezzjoni internazzjonali kif ukoll mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sens li d-dispożizzjonijiet fakultattivi jagħtu setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa lill-Istati Membri. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-fatt li Stat Membru, f'dan il-każ ir-Renju Unit, identifikat bħala dak responsabbli fis-sens tar-Regolament Dublin III, ikun ikkomunika l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni konformement mal-Artikolu 50 TUE ma jobbligax lill-Istat Membru li jkun qiegħed jagħmel din l-identifikazzjoni, f'dan il-każ l-Irlanda, sabiex jeżamina huwa stess, b'applikazzjoni tal-klawżola diskrezzjonali, l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Dublin III ma jobbligawx lil Stat Membru li ma jkunx dak responsabbli, skont il-kriterji stabbiliti f'dan ir-regolament, għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jieħu inkunsiderazzjoni l-interess superjuri tal-wild u jeżamina huwa stess din l-applikazzjoni, b'applikazzjoni tal-klawżola diskrezzjonali prevista fl-imsemmi regolament. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, barra minn hekk, li r-Regolament ma jirrikjedix li jiġi previst rimedju kontra d-deċiżjoni li ma tintużax il-klawżola diskrezzjonali peress li din id-deċiżjoni tkun tista' tiġi kkontestata fil-kuntest ta' rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, fl-assenza ta' prova kuntrarja, ir-Regolament Dublin III jistabbilixxi preżunzjoni fis-sens li jkun fl-interess superjuri tal-wild li s-sitwazzjoni ta' dan il-wild tiġi ttrattata b'mod inseparabbli minn dik tal-ġenituri tiegħu.

## 3. Assenza ta' deċiżjoni espliċita dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli

***Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018 (Awla Manja), Fathi (C-56/17, [EU:C:2018:803](EU:C:2018:803))***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Fruntieri, ażil u immigrazzjoni – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Artikolu 3 – Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz – Eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali mingħajr deċiżjoni espliċita dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tagħha – Direttiva 2011/95/UE – Artikoli 9 u 10 – Motivi ta' persekuzzjoni abbażi tar-reliġjon – Prova – Leġiżlazzjoni Iranjana dwar l-apostasija – Direttiva 2013/32/UE – Artikolu 46(3) – Rimedju effettiv"*

F'din il-kawża, ċittadin Iranjan ta' oriġini Kurda kien ippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali quddiem l-Aġenzija Nazzjonali għar-Refuġjati tal-Bulgarija, ibbażata fuq il-persekuzzjoni li allegatament kien ġarrab min-naħa tal-awtoritajiet Iranjani għal raġunijiet reliġjużi u, b'mod partikolari, minħabba l-konverżjoni tiegħu għall-Kristjaneżmu. L-awtorità Bulgara kompetenti kienet eżaminat fil-mertu din l-applikazzjoni mingħajr ma kienet ġiet adottata deċiżjoni espliċita dwar il-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli. L-applikazzjoni inkwistjoni ġiet miċħuda bħala infondata għaliex l-imsemmija awtorità qieset li t-testimonjanza tal-applikant kien fiha numru ta' kontradizzjonijiet sostanzjali u li la l-eżistenza ta' persekuzzjoni jew ta' riskju ta' persekuzzjoni fil-futur u lanqas l-eżistenza ta' riskju tal-piena tal-mewt ma kienu ġew stabbiliti.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Dublin III kellux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-awtoritajiet ta' Stat Membru jwettqu tali eżami fil-mertu ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, fis-sens tal-Artikolu 2(d) ta' dan ir-regolament, fl-assenza ta' deċiżjoni espliċita minn dawn l-awtoritajiet li tistabbilixxi, abbażi tal-kriterji previsti fl-imsemmi regolament, li r-responsabbiltà għal tali eżami kienet taqa' fuq dan l-Istat Membru.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, qabel kollox, li l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Dublin III għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li l-awtoritajiet ta' Stat Membru jwettqu l-eżami fil-mertu ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, fis-sens tal-Artikolu 2(d) ta' dan ir-regolament, mingħajr ma jadottaw deċiżjoni espliċita li tistabbilixxi, abbażi tal-kriterji previsti fl-imsemmi regolament, li r-responsabbiltà għal tali eżami kienet taqa' fuq dan l-Istat Membru. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 46(3) tad-Direttiva dwar il-proċeduri għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-kuntest ta' rikors ippreżentat minn applikant għal protezzjoni internazzjonali kontra deċiżjoni li tqis bħala infondata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tiegħu, il-qorti kompetenti ta' Stat Membru ma hijiex obbligata teżamina *ex officio* jekk il-kriterji u

Kriterji u mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali

l-mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-imsemmija applikazzjoni, kif previsti fir-Regolament Dublin III, kinux ġew applikati b'mod korrett mill-awtoritajiet li jkunu wettqu l-imsemmi eżami.

## 4. Rilokazzjoni – Mekkaniżmu ta' deroga temporanja mill-mekkaniżmu ta' Dublin

***Sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Is-Slovakkja u L-Ungerija vs Il-Kunsill (C-643/15 u C-647/15, EU:C:2017:631)***

*"Rikors għal annullament – Deċiżjoni (UE) 2015/1601 – Miżuri provviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tar-Repubblika Ellenika u tar-Repubblika Taljana – Sitwazzjoni ta' emerġenza kkaratterizzata minn dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju ta' ċerti Stati Membri – Rilokazzjoni ta' dawn iċ-ċittadini fit-territorju ta' Stati Membri oħrajn – Allokazzjonijiet ta' rilokazzjoni – Artikolu 78(3) TFUE – Bażi legali – Kundizzjonijiet għall-applikazzjoni – Kunċett ta' 'att leġiżlattiv' – Artikolu 289(3) TFUE – Natura obbligatorja għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tal-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew – Artikolu 15(1) TUE u Artikolu 68 TFUE – Rekwiżiti formali essenzjali – Emenda tal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea – Rekwiżiti ta' konsultazzjoni mill-ġdid mal-Parlament Ewropew u ta' vot unanimu fi ħdan il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 293 TFUE – Prinċipji ta' ċertezza legali u ta' proporzjonalità"*

B'reazzjoni għall-kriżi ta' migrazzjoni li laqtet l-Ewropa fis-sajf tal-2015, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta deċiżjoni [32] bil-għan li l-Italja u l-Greċja jingħataw għajnuna sabiex ilaħħqu mad-dħul f'daqqa ta' numru kbir ta' migranti. Din id-deċiżjoni kienet tipprevedi r-rilokazzjoni, minn dawn iż-żewġ Stati Membri u fuq perijodu ta' sentejn, ta' 120 000 persuna li manifestament kellhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, lejn l-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni.

Id-Deċiżjoni kkontestata ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 78(3) TFUE, li jipprovdi li: "[f]'każ li Stat Membru wieħed jew iktar isibu ruħhom f'sitwazzjoni ta' emerġenza karatterizzata minn dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jadotta miżuri provviżorji għall-benefiċċju ta' l-Istat(i) Membru(i) konċernat(i). Għandu jaġixxi wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew."

Is-Slovakkja u l-Ungerija li, bħalma għamlu wkoll ir-Repubblika Ċeka u r-Rumanija, kienu vvotaw fi ħdan il-Kunsill kontra l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni [33], talbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla din id-deċiżjoni filwaqt li invokaw, minn naħa, motivi intiżi li juru li l-adozzjoni tagħha kienet ivvizzjata bi żbalji ta' natura proċedurali jew marbuta mal-għażla ta' bażi legali inadegwata u, min-naħa l-oħra, argument fis-sens li din id-deċiżjoni la kienet xierqa sabiex tiġi indirizzata l-kriżi tal-migrazzjoni u lanqas ma kienet meħtieġa għal dan il-għan.

[32] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 tat-22 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja (ĠU 2015, L 248, p. 80) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kkontestata").

[33] Il-Finlandja għażlet li ma tivvotax filwaqt li l-Istati Membri l-oħra vvotaw favur l-adozzjoni tad-deċiżjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet fl-intier tagħhom ir-rikorsi ppreżentati mis-Slovakkja u mill-Ungerija.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-argument fis-sens li l-proċedura leġiżlattiva [34] kien imissha ġiet applikata minħabba li l-Artikolu 78(3) TFUE jipprevedi l-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew meta tiġi adottata miżura bbażata fuq din id-dispożizzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-proċedura leġiżlattiva tista' tiġi applikata biss fil-każ li dispożizzjoni tat-Trattati tagħmel riferiment speċifiku għaliha. Issa, l-Artikolu 78(3) TFUE ma jagħmel ebda riferiment espliċitu għall-proċedura leġiżlattiva, b'tali mod li d-Deċiżjoni kkontestata setgħet tiġi adottata fil-kuntest ta' proċedura mhux leġiżlattiva u għalhekk kienet tikkostitwixxi att mhux leġiżlattiv.

Fl-istess kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 78(3) TFUE jippermetti lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jieħdu l-miżuri provviżorji kollha neċessarji sabiex jindirizzaw b'mod effettiv u mħaffef sitwazzjoni ta' emerġenza kkaratterizzata mid-dħul f'daqqa ta' persuni spostati. Dawn il-miżuri jistgħu anki jidderogaw minn atti leġiżlattivi kemm-il darba, b'mod partikolari, ikunu ddefiniti l-limiti tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* u *ratione temporis* tagħhom, u kemm-il darba la jkollhom l-għan u lanqas l-effett li jissostitwixxu jew jemendaw b'mod permanenti tali atti, kundizzjonijiet dawn li kienu ssodisfatti f'dan il-każ.

Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat ukoll li, peress li d-Deċiżjoni kkontestata kienet tikkostitwixxi att mhux leġiżlattiv, l-adozzjoni tagħha ma kinitx suġġetta għar-rekwiżiti marbuta mal-parteċipazzjoni tal-parlamenti nazzjonali u man-natura pubblika tad-deliberazzjonijiet u tal-votazzjonijiet fil-Kunsill (rekwiżiti dawn li japplikaw biss għall-atti leġiżlattivi).

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* tad-Deċiżjoni kkontestata (jiġifieri mill-25 ta' Settembru 2015 sas-26 ta' Settembru 2017) kien iddefinit b'mod preċiż, b'tali mod li n-natura provviżorja tagħha ma setgħetx tiddaħħal inkwistjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25 u tas-26 ta' Ġunju 2015, fis-sens li l-Istati Membri kellhom jieħdu deċiżjoni "permezz ta' konsensus" dwar it-tqassim tal-persuni li manifestament kellhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali "fid-dawl tas-sitwazzjoni partikolari ta' kull Stat Membru", ma setgħux jipprekludu l-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, dawn il-konklużjonijiet kienu jikkonċernaw proġett ieħor ta' rilokazzjoni li kien intiż, b'reazzjoni għad-dħul ta' migranti kkonstatat matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 2015, li 40 000 persuna jitqassmu bejn l-Istati Membri. Dan il-proġett kien is-suġġett tad-Deċiżjoni 2015/1523 [35], u mhux tad-Deċiżjoni kkontestata fil-kawża ineżami. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li l-Kunsill Ewropew fl-ebda każ ma jista' jemenda r-regoli ta' votazzjoni previsti fit-Trattati.

[34] Proċedura leġiżlattiva ordinarja jew proċedura leġiżlattiva speċjali previsti fl-Artikolu 289 TFUE.

[35] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1523 tal-14 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u tal-Greċja (ĠU 2015, L 239, p. 146).

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, għalkemm kienu saru emendi sostanzjali fil-proposta għal deċiżjoni inizjali tal-Kummissjoni, b'mod partikolari dawk maħsuba sabiex jimplimentaw it-talba tal-Ungerija li ma tiġix inkluża fil-lista tal-Istati Membri li kellhom jibbenefikaw mill-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni [36] u li dan il-pajjiż jiġi kklassifikat bħala Stat Membru ta' rilokazzjoni, il-Parlament kien ġie debitament informat dwar dawn l-emendi qabel l-adozzjoni tar-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2015, u b'hekk din ir-riżoluzzjoni setgħet tittieħed inkunsiderazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-emendi l-oħra introdotti wara din id-data ma kellhomx impatt fuq is-sustanza stess tal-proposta tal-Kummissjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-Kunsill ma kienx obbligat jadotta d-Deċiżjoni kkontestata b'vot unanimu minkejja li, fid-dawl tal-adozzjoni tal-emendi msemmija iktar 'il fuq, kellu jitbiegħed mill-proposta inizjali tal-Kummissjoni. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-proposta emendata kienet ġiet approvata mill-Kummissjoni permezz ta' tnejn mill-Membri tagħha li kienu ngħataw is-setgħa jagħmlu dan mill-kulleġġ tal-Kummissarji.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni previst fid-Deċiżjoni kkontestata ma kienx jikkostitwixxi miżura li kienet ser tkun manifestament inadegwata sabiex tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq l-għan tagħha, jiġifieri li tingħata għajnuna lill-Greċja u lill-Italja fid-dawl tal-konsegwenzi tal-kriżi ta' migrazzjoni tal-2015.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-validità tad-deċiżjoni ma setgħetx tiddaħħal inkwistjoni abbażi ta' evalwazzjonijiet retrospettivi li jikkonċernaw il-livell ta' effettività tagħha. Fil-fatt, meta l-leġiżlatur tal-Unjoni jkollu jevalwa l-effetti futuri ta' leġiżlazzjoni ġdida, l-evalwazzjoni tiegħu ma tistax tiddaħħal inkwistjoni sakemm ma tkunx tidher manifestament żbaljata fid-dawl tal-elementi li huwa jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu fil-mument tal-adozzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni. Issa, dan ma kienx il-każ hawnhekk peress li l-Kunsill wettaq, abbażi ta' eżami ddettaljat tad-data fil-forma ta' statistika disponibbli dak iż-żmien, analiżi oġġettiva tal-effetti tal-miżura fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' emerġenza inkwistjoni.

***Sentenza tat-2 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka (Mekkaniżmu temporanju ta' rilokazzjoni ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali) (C-715/17, C-718/17 u C-719/17, EU:C:2020:257)***

*"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Deċiżjonijiet (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601 – Artikolu 5(2) u (4) sa (11) ta' kull waħda minn dawn id-deċiżjonijiet – Miżuri provviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tar-Repubblika Ellenika u tar-Repubblika Taljana – Sitwazzjoni ta' emerġenza kkaratterizzata minn dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju ta' ċerti Stati Membri – Rilokazzjoni ta' dawn iċ-ċittadini fit-territorju tal-Istati Membri l-oħra – Proċedura ta' rilokazzjoni – Obbligu għall-Istati Membri li jindikaw f'intervalli regolari, u mill-inqas kull tliet xhur, in-numru ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali li jistgħu jiġu rrilokati malajr fit-territorju tagħhom – Obbligi konsekuttivi li jwasslu għar-rilokazzjoni effettiva – Interessi tal-Istati Membri*

[36] L-Ungerija sostniet li kienet irrifjutat li tiġi kklassifikata bħala Stat Membru benefiċjarju tal-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni sabiex tevita li titqies bħala l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-ażil li kellhom jiġu ppreżentati fl-Istat Membru li permezz tiegħu l-migranti kienu effettivament daħlu fit-territorju tal-Unjoni.

*marbuta mas-sigurtà nazzjonali u l-ordni pubbliku – Possibbiltà għal Stat Membru li jinvoka l-Artikolu 72 TFUE sabiex ma japplikax atti tad-dritt tal-Unjoni ta' natura vinkolanti"*

Il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet ir-rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentati mill-Kummissjoni kontra l-Polonja, l-Ungerija u r-Repubblika Ċeka u intiżi li jiġi kkonstatat li, billi ma indikawx f'intervalli regolari, u tal-inqas kull tliet xhur, numru xieraq ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali li setgħu jkunu s-suġġett ta' rilokazzjoni malajr fit-territorju rispettiv tagħhom u billi, għaldaqstant, ma kinux implimentaw l-obbligi sussegwenti ta' rilokazzjoni imposti fuqhom, dawn l-Istati Membri kienu naqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom taħt id-dritt tal-Unjoni. Minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li kien jeżisti nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, għat-tliet Stati Membri kkonċernati, taħt deċiżjoni li l-Kunsill kien adotta għar-rilokazzjoni, fuq bażi obbligatorja, mill-Greċja u mill-Italja, ta' 120 000 applikant għal protezzjoni internazzjonali lejn l-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni [37]. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Polonja u r-Repubblika Ċeka kienu naqsu wkoll milli jwettqu l-obbligi tagħhom li jirriżultaw minn deċiżjoni preċedenti li l-Kunsill kien adotta bil-għan li jiġu rrilokati, fuq bażi volontarja, mill-Greċja u mill-Italja, 40 000 applikant għal protezzjoni internazzjonali lejn l-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni [38]. L-Ungerija, min-naħa tagħha, ma kinitx marbuta bil-miżuri ta' rilokazzjoni previsti f'din l-aħħar deċiżjoni.

F'Settembru 2015, fid-dawl tas-sitwazzjoni ta' emerġenza marbuta mal-wasla ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-Greċja u fl-Italja, il-Kunsill kien adotta d-deċiżjonijiet iċċitati iktar 'il fuq (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet ta' rilokazzjoni"). Skont dawn id-deċiżjonijiet [39], f'Diċembru 2015, il-Polonja kienet indikat li 100 persuna setgħu jiġu rrilokati malajr fit-territorju tagħha. Madankollu, hija ma pproċedietx għal dawn ir-rilokazzjonijiet u ma ħadet ebda impenn sussegwenti ta' rilokazzjoni. L-Ungerija, min-naħa tagħha, fl-ebda mument ma indikat numru ta' persuni li setgħu jiġu rrilokati fit-territorju tagħha skont id-deċiżjoni ta' rilokazzjoni li kienet torbotha u ma wettqet ebda rilokazzjoni. Fl-aħħar nett, fi Frar u f'Mejju 2016, ir-Repubblika Ċeka kienet indikat, skont id-deċiżjonijiet ta' rilokazzjoni [40], 50 persuna li setgħu jiġu rrilokati fit-territorju tagħha. Tnax-il persuna kienu ġew effettivament irrilokati mill-Greċja, iżda r-Repubblika Ċeka ma kienet ħadet ebda impenn ulterjuri ta' rilokazzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, ċaħdet l-argument invokat mit-tliet Stati Membri kkonċernati fis-sens li r-rikorsi tal-Kummissjoni kienu inammissibbli minħabba l-fatt li, wara l-iskadenza tal-perijodu ta' applikazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' rilokazzjoni, li seħħet, rispettivament, fis-17 u fis-26 ta' Settembru 2017, ma kienx għadu possibbli għalihom li jirrimedjaw in-nuqqasijiet allegati. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jkun ammissibbli jekk il-Kummissjoni tillimita ruħha li titlob li tiġi kkonstatata l-eżistenza tan-nuqqas allegat, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet, bħal dawk inkwistjoni f'dawn il-kawżi, li fihom l-att tad-dritt tal-Unjoni li l-ksur tiegħu jkun

[37] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 tat-22 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja (ĠU 2015, L 248, p. 80). Il-validità ta' din id-deċiżjoni kienet is-suġġett tas-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Is-Slovakkja u L-Ungerija vs Il-Kunsill (C-643/15 u C-647/15, EU:C:2017:631); ara wkoll l-Istqarrija għall-istampa Nru 91/17.

[38] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1523 tal-14 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u tal-Greċja (ĠU 2015, L 239, p. 146).

[39] Artikolu 5(2) ta' kull waħda minn dawn id-deċiżjonijiet.

[40] Artikolu 5(2) ta' kull waħda minn dawn id-deċiżjonijiet.

qiegħed jiġi allegat ikun definittivament waqaf milli jkun applikabbli wara d-data ta' skadenza tat-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata, jiġifieri fit-23 ta' Awwissu 2017. Barra minn hekk, il-konstatazzjoni ta' nuqqas tibqa' ta' interess materjali, b'mod partikolari sabiex tiġi stabbilita l-bażi ta' responsabbiltà li Stat Membru jista' jkun espost għaliha, bħala konsegwenza tan-nuqqas tiegħu, fir-rigward ta' Stati Membri oħra, tal-Unjoni jew ta' individwi.

Fuq il-mertu, il-Polonja u l-Ungerija sostnew b'mod partikolari li huma kellhom id-dritt li ma japplikawx id-deċiżjonijiet ta' rilokazzjoni skont l-Artikolu 72 TFUE, li jipprovdi li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar l-Ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li minnhom tagħmel parti l-politika tal-ażil, ma jippreġudikawx l-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet li għandhom l-Istati Membri għaż-żamma tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà interna. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, sa fejn jikkostitwixxi dispożizzjoni li tidderoga mir-regoli ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, l-Artikolu 72 TFUE għandu jiġi interpretat b'mod strett. Għalhekk, dan l-artikolu ma jagħtix lill-Istati Membri s-setgħa li jidderogaw minn dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni permezz tas-sempliċi invokazzjoni tal-interessi marbuta maż-żamma tal-ordni pubbliku u mas-salvagwardja tas-sigurtà interna, iżda jimponi fuqhom li jipprovaw in-neċessità li jirrikorru għad-deroga prevista f'dan l-artikolu sabiex jeżerċitaw ir-responsabbiltajiet tagħhom f'dawn l-oqsma.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, skont id-deċiżjonijiet ta' rilokazzjoni, kien hemm lok li s-sigurtà nazzjonali u l-ordni pubbliku jittieħdu inkunsiderazzjoni matul il-proċedura ta' rilokazzjoni kollha, sat-trasferiment effettiv tal-applikant għal protezzjoni internazzjonali. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li kellha tiġi rrikonoxxuta setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' rilokazzjoni meta dawn jiddeterminaw jekk jeżistux motivi raġonevoli sabiex ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ser jiġi rrilokat jitqies li jikkostitwixxi perikolu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku fit-territorju tagħhom. Fuq dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-kunċett ta' "perikolu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku", fis-sens tad-deċiżjonijiet ta' rilokazzjoni [41], għandu jiġi interpretat bħala li jkopri t-theddid kemm attwali kif ukoll potenzjali għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, sabiex jibbażaw ruħhom fuq il-motivi ċċitati iktar 'il fuq, l-imsemmija awtoritajiet kellhom jibbażaw ruħhom, wara eżami każ b'każ, fuq elementi konkordanti, oġġettivi u preċiżi, li jippermettu li jiġi ssuspettat li l-applikant inkwistjoni jirrappreżenta perikolu attwali jew potenzjali. Għaldaqstant, hija ddeċidiet li d-dispożittiv previst f'dawn id-dispożizzjonijiet kien jipprekludi li, fil-kuntest tal-proċedura ta' rilokazzjoni, Stat Membru jinvoka b'mod konkluživ, għall-finijiet biss ta' prevenzjoni ġenerali u mingħajr ma jistabbilixxi rabta diretta ma' każ individwali, l-Artikolu 72 TFUE sabiex jiġġustifika sospensjoni, jew saħansitra waqfien, tal-implimentazzjoni tal-obbligi tiegħu taħt id-deċiżjonijiet ta' rilokazzjoni.

Sussegwentement, filwaqt li tat deċiżjoni fuq il-motiv ibbażat, mir-Repubblika Ċeka, fuq il-funzjonament ħażin tal-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li dan il-motiv ma setax jiġi aċċettat għaliex inkella jiġu ppreġudikati l-għan ta' solidarjetà inerenti għad-deċiżjonijiet ta' rilokazzjoni kif ukoll in-natura obbligatorja ta'

[41] Artikolu 5(4) u (7) ta' kull waħda minn dawn id-deċiżjonijiet.

dawn l-atti, u Stat Membru jkun jista' jibbaża ruħu fuq l-evalwazzjoni unilaterali tiegħu tal-allegat nuqqas ta' effettività, jew tal-allegat nuqqas ta' funzjonament tal-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni stabbilit mill-imsemmija atti, sabiex jevita kull obbligu ta' rilokazzjoni impost fuqu abbażi ta' dawn l-atti. Fl-aħħar nett, filwaqt li fakkret in-natura obbligatorja, sa mill-adozzjoni tagħhom u matul il-perijodu ta' applikazzjoni tagħhom, tad-deċiżjonijiet ta' rilokazzjoni għar-Repubblika Ċeka, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li dan l-Istat Membru kien obbligat jikkonforma ruħu mal-obbligi ta' rilokazzjoni imposti minn dawn id-deċiżjonijiet, indipendentement mill-għoti ta' tipi oħra ta' għajnuna lir-Repubblika Ellenika u lir-Repubblika Taljana.

## II. Proċedura ta' trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli

### 1. Teħid lura fil-każ ta' ritorn illegali fi Stat Membru li kien wettaq it-trasferiment

***Sentenza tal-25 ta' Jannar 2018 (It-Tielet Awla), Hasan (C-360/16, EU:C:2018:35)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz – Modalitajiet u termini previsti għat-tressiq ta' talba għall-finijiet ta' teħid lura – Ritorn illegali ta' ċittadin ta' pajjiż terz fi Stat Membru li jkun wettaq trasferiment – Artikolu 24 – Proċedura għal teħid lura – Artikolu 27 – Rimedju ġudizzjarju – Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju – Fatti sussegwenti għat-trasferiment"*

A. Hasan ippreżenta, f'Ottubru 2014, applikazzjoni għall-ażil fil-Ġermanja. Minn tfittxija fis-sistema Eurodac irriżulta li dan l-individwu kien diġà applika għal protezzjoni internazzjonali fl-Italja u għalhekk l-awtoritajiet Ġermaniżi talbu lill-awtoritajiet Taljani jieħdu lura lil A. Hasan taħt ir-responsabbiltà tagħhom, abbażi tar-Regolament Dublin III. L-awtoritajiet Taljani ma wiġbux għal din it-talba għal teħid lura. F'Jannar 2015, l-awtoritajiet Ġermaniżi ċaħdu bħala inammissibbli l-applikazzjoni għall-ażil ippreżentata minn A. Hasan għar-raġuni li r-Repubblika Taljana kienet l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' din l-applikazzjoni, u ordnaw it-trasferiment tiegħu lejn l-Italja. A. Hasan ġie ttrasferit lejn l-Italja f'Awwissu 2015. Madankollu, huwa mar lura illegalment fil-Ġermanja matul l-istess xahar.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, jekk l-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament Dublin III kellhomx jiġu interpretati fis-sens li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn ċittadin ta' pajjiż terz, wara li jkun ippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fl-ewwel Stat Membru, ikun ġie ttrasferit lejn dan l-Istat Membru wara ċ-ċaħda ta' applikazzjoni ġdida ppreżentata fit-tieni Stat Membru, u li mbagħad ikun reġa' mar, mingħajr permess ta' soġġorn, fit-territorju ta' dan it-tieni Stat Membru, dan iċ-ċittadin jista' jkun is-suġġett ta'

proċedura għal teħid lura jew jekk kienx possibbli li dan l-individwu jerġa' jiġi ttrasferit lejn l-ewwel Stat Membru mingħajr ma tiġi segwita tali proċedura.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, qabel kollox, li persuna li, wara li tkun ippreżentat applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru, tmur lura illegalment fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr ma tippreżenta hemmhekk applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ġdida tista' tkun suġġetta għall-proċedura prevista fl-Artikolu 24 tar-Regolament Dublin III. Din l-analiżi ma hijiex affettwata mill-fatt li tali persuna tkun diġà ppreżentat, matul l-ewwel soġġorn fit-territorju tat-tieni wieħed minn dawn l-Istati Membri, applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li tkun ġiet miċħuda fil-kuntest previst fl-Artikolu 26(1) ta' dan ir-regolament. Fil-fatt, peress li din l-applikazzjoni ma kinitx għadha qiegħda tiġi eżaminata f'dan l-Istat Membru, dan il-fatt ma setax jimplika li din il-persuna kellha titqies daqslikieku kienet persuna li ppreżentat applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ġdida, li kien ikollha jew tiġi miċħuda, skont dan l-Artikolu 26(1), qabel jitwettaq trasferiment, jew tiġi eżaminata mill-imsemmi Stat Membru, konformement mal-Artikolu 23(3) tal-imsemmi regolament, fil-każ ta' dewmien fl-implimentazzjoni tal-proċedura għal teħid lura.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sa fejn l-eżekuzzjoni tat-trasferiment ma hijiex ta' natura, bħala tali, li tistabbilixxi b'mod definittiv ir-responsabbiltà tal-Istat Membru li lejh tkun ġiet ittrasferita l-persuna kkonċernata, trasferiment ġdid ma jistax jiġi kkunsidrat mingħajr ma jitwettaq eżami mill-ġdid tas-sitwazzjoni ta' din il-persuna bil-għan li jiġi vverifikat li r-responsabbiltà ma tkunx għaddiet, wara t-trasferiment tal-imsemmija persuna, għand Stat Membru ieħor. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li tali eżami mill-ġdid tas-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata jista' jitwettaq mingħajr ma jiġi ppreġudikat l-għan ta' ħeffa fit-trattament tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, peress li dan l-eżami mill-ġdid jimplika biss li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-bidliet li jkunu seħħew minn wara l-adozzjoni tal-ewwel deċiżjoni ta' trasferiment.

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, f'sitwazzjoni li fiha ċittadin ta' pajjiż terz, wara li jkun ippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fl-ewwel Stat Membru, ikun ġie ttrasferit lejn dan l-Istat Membru wara ċ-ċaħda ta' applikazzjoni ġdida ppreżentata fit-tieni Stat Membru, u li mbagħad ikun reġa' mar, mingħajr permess ta' soġġorn, fit-territorju ta' dan it-tieni Stat Membru, dan iċ-ċittadin jista' jkun is-suġġett ta' proċedura għal teħid lura u li ma huwiex possibbli li jitwettaq trasferiment ġdid ta' din il-persuna lejn l-ewwel wieħed minn dawn l-Istat Membru mingħajr ma tiġi segwita tali proċedura.

## 2. Deċiżjoni antiċipata ta' trasferiment

***Sentenza tal-31 ta' Mejju 2018 (It-Tieni Awla), Hassan (C-647/16, EU:C:2018:368)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata fi Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz – Proċeduri għat-teħid inkarigu u għat-teħid lura – Artikolu 26(1) – Adozzjoni u komunikazzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment qabel l-aċċettazzjoni tat-talba għall-finijiet ta' teħid lura mill-Istat Membru rikjest"*

Wara li ppreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fil-Ġermanja, A. Hassan, ċittadin Iraqi, mar fi Franza fejn ġie detenut. L-awtoritajiet Franċiżi għalhekk talbu lill-awtoritajiet Ġermaniżi jieħdu lura lil A. Hassan, filwaqt li ddeċidew, fl-istess jum, li jittrasferixxu lil dan tal-aħħar lejn il-Ġermanja. Fil-fatt, l-awtoritajiet qiesu li, skont ir-Regolament Dublin III, il-Ġermanja kienet reponsabbli għat-trattament tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ta' A. Hassan peress li kien f'dan il-pajjiż li dan tal-aħħar kien ippreżenta tali applikazzjoni. A. Hassan ikkontesta d-deċiżjoni li tordna t-trasferiment tiegħu lejn il-Ġermanja quddiem il-qrati Franċiżi. Huwa sostna b'mod partikolari li din id-deċiżjoni kienet tmur kontra r-Regolament Dublin III peress li kienet ittieħdet u ġiet ikkomunikata lilu saħansitra qabel ma l-Istat Membru rikjest (il-Ġermanja) kien wieġeb, b'mod impliċitu jew espliċitu, għat-talba għal teħid lura mressqa mill-awtoritajiet Franċiżi.

Il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, f'dan il-kuntest, l-awtoritajiet Franċiżi setgħux jieħdu deċiżjoni ta' trasferiment fil-konfront ta' A. Hassan u jikkomunikawhielu qabel ma l-Ġermanja tkun aċċettat b'mod espliċitu jew impliċitu dan it-teħid lura.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li mill-formulazzjoni, mill-oriġini u mill-għan tar-Regolament Dublin III jirriżulta b'mod ċar li deċiżjoni ta' trasferiment ma tistax tiġi adottata u kkomunikata lill-persuna kkonċernata qabel ma l-Istat Membru rikjest ikun, b'mod impliċitu jew espliċitu, aċċetta t-teħid lura ta' din il-persuna. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li persuna bħal A. Hassan tista' tiġi mġiegħla, saħansitra qabel ma l-Istat Membru rikjest ikun wieġeb għat-talba għal teħid lura, tippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment, minkejja li tali rikors jista' jiġi ppreżentat biss fil-każ li l-Istat Membru rikjest ikun wieġeb b'mod favorevoli għat-talba għal teħid lura. Barra minn hekk, il-portata tad-dritt għal rimedju effettiv tal-persuna kkonċernata tista' tiġi limitata peress li d-deċiżjoni ta' trasferiment tkun ibbażata biss fuq il-provi u l-indizji miġbura mill-Istat Membru rikjedenti (f'dan il-każ, Franza). Fl-aħħar nett, jekk jiġi aċċettat li l-adozzjoni u l-komunikazzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment jistgħu jseħħu qabel tingħata t-tweġiba tal-Istat Membru rikjest, dan iwassal sabiex, fl-Istati Membri li ma jipprevedux is-sospensjoni ta' tali deċiżjoni qabel tingħata t-tweġiba mill-Istat Membru rikjest, il-persuna kkonċernata tiġi esposta għar-riskju ta' trasferiment lejn dan l-Istat Membru qabel ma dan tal-aħħar ikun ta l-kunsens tiegħu bħala prinċipju f'dan ir-rigward.

## 3. Terminu għat-trasferiment

***Sentenza tad-29 ta' Jannar 2009 (Ir-Raba' Awla), Petrosian (C-19/08, EU:C:2009:41)***

*"Dritt tal-ażil – Regolament (KE) Nru 343/2003 – Teħid lura minn Stat Membru ta' applikant għall-ażil li l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda u li jinsab fi Stat Membru ieħor fejn ikun ippreżenta applikazzjoni ġdida għall-ażil – Dekorrenza tat-terminu għall-eżekuzzjoni tat-trasferiment tal-applikant għall-ażil – Proċedura ta' trasferiment li hija s-suġġett ta' rikors li jista' jkollu effett sospensiv"*

Wara li ppreżentaw applikazzjoni inizjali għall-ażil fi Franza, li kienet ġiet miċħuda, il-membri tal-familja Petrosian, ta' oriġini Armena, ippreżentaw applikazzjoni għall-ażil fl-Isvezja. L-awtoritajiet Svediżi talbu lill-awtoritajiet Franċiżi jieħdu lura l-membri ta' din il-familja. Peress li l-awtoritajiet Franċiżi aċċettaw it-teħid lura, ġie deċiż li l-membri tal-familja kellhom jiġu ttrasferiti lejn Franza, abbażi tal-Artikolu 20(1)(d) tar-Regolament Dublin II. Madankollu, id-deċiżjoni li ordnat it-trasferiment ġiet ikkontestata diversi drabi mill-persuni kkonċernati, b'tali mod li t-terminu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 20(1)(d) tar-Regolament Dublin II [42] kien skada. Dan it-terminu, li jiddekorri "mid-deċiżjoni wara appell jew reviżjoni", huwa maħsub sabiex jippermetti lill-Istat Membru li fih tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għall-ażil iwettaq it-trasferiment, filwaqt li l-iskadenza ta' dan it-terminu għandu l-effett li dan l-istess Stat isir dak responsabbli.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar liema avveniment jista' jibda d-dekorrenza tat-terminu ta' sitt xhur u, b'mod iktar partikolari, jekk dan it-terminu jibdiex jiddekorri sa mid-deċiżjoni ġudizzjarja provviżorja li tissospendi l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' trasferiment jew jibdiex biss mid-deċiżjoni ġudizzjarja li tagħti deċiżjoni dwar il-mertu tal-proċedura u li ma tkunx għadha ta' natura li tostakola din l-implimentazzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, qieset li l-protezzjoni ġudizzjarja ggarantita mill-Istati Membri li l-qrati tagħhom jistgħu jissospendu l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment, li b'hekk jippermettu lill-applikant għall-ażil jikkontesta b'mod utli d-deċiżjonijiet li jkun is-suġġett tagħhom, ma għandhiex tiġi ssagrifikata minħabba r-rekwiżit ta' ħeffa fit-trattament tal-applikazzjonijiet għall-ażil. Fil-fatt, l-Istati Membri li xtaqu jistabbilixxu rimedji li jistgħu jwasslu għal deċiżjonijiet li jkollhom effett sospensiv fil-kuntest tal-proċedura ta' trasferiment ma jistgħux, sabiex jiġi osservat ir-rekwiżit ta' ħeffa, jitqiegħdu f'sitwazzjoni inqas favorevoli minn dik li jkunu jinsabu fiha dawk l-Istati Membri li ma jkunux qiesu li dan ikun neċessarju. B'hekk, Stat Membru li, fil-kuntest tal-proċedura ta' trasferiment, ikun iddeċieda li jistabbilixxi rimedji marbuta, jekk ikun il-każ, ma' effett sospensiv ma jistax jitqiegħed fis-sitwazzjoni skomda li, jekk ma jirnexxilux jorganizza t-trasferiment tal-applikant għall-ażil fil-perijodu qasir ħafna bejn id-deċiżjoni ġudizzjarja fuq il-mertu u l-iskadenza tat-terminu għall-eżekuzzjoni tat-trasferiment, ikun espost

[42] Skont din id-dispożizzjoni, it-trasferiment ta' applikant għall-ażil lejn l-Istat Membru li huwa obbligat idaħħlu lura għandu jitwettaq hekk kif ikun materjalment possibbli u sa mhux iktar tard minn terminu ta' sitt xhur li jiddekorri mill-aċċettazzjoni tat-talba għat-teħid lura minn Stat Membru ieħor jew mid-deċiżjoni wara appell jew reviżjoni fil-każ li dawn ikollhom effett sospensiv. Skont il-paragrafu 2 tal-istess artikolu, meta t-trasferiment ma jitwettaqx f'dan it-terminu, ir-responsabbiltà taqa' fuq l-Istat Membru li fih tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għall-ażil.

għar-riskju li jiġi identifikat, b'mod definittiv, bħala l-Istat Membru responsabbli għat-trattament tal-applikazzjoni għall-ażil. Minn dan isegwi li l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20(1)(d) tar-Regolament Dublin II ma tistax twassal għall-konklużjoni li, sabiex jiġi osservat id-dritt Komunitarju, l-Istat rikjedenti jkollu jeskludi l-effett sospensiv tad-deċiżjoni ġudizzjarja provviżorja meħuda fil-kuntest ta' rikors li jista' jkollu tali effett.

Fir-rigward, minn naħa, tal-osservanza tal-prinċipju ta' awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, jekk tiġi aċċettata interpretazzjoni tal-Artikolu 20(1)(d) tar-Regolament Dublin II fis-sens li t-terminu għall-eżekuzzjoni tat-trasferiment jiddekorri sa mid-deċiżjoni provviżorja li jkollha effett sospensiv, il-qorti nazzjonali li tkun tixtieq tirrikonċilja l-osservanza ta' dan it-terminu ma' dik ta' deċiżjoni ġudizzjarja provviżorja li jkollha effett sospensiv ser ikollha tagħti deċiżjoni dwar il-mertu tal-proċedura ta' trasferiment qabel l-iskadenza tal-imsemmi terminu, u dan permezz ta' deċiżjoni li, jekk ikun il-każ, minħabba li l-qrati ma jkollhomx ħin biżżejjed, ma tkunx setgħet tieħu inkunsiderazzjoni b'mod sodisfaċenti n-natura kumplessa tat-tilwima.

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, meta l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru rikjedenti tipprevedi l-effett sospensiv ta' rikors, it-terminu għall-eżekuzzjoni tat-trasferiment ma jiddekorrix sa mid-deċiżjoni ġudizzjarja provviżorja li tissospendi l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' trasferiment, iżda jiddekorri biss mid-deċiżjoni ġudizzjarja li taqta' fuq il-mertu tal-proċedura u li ma tkunx għadha tista' tostakola din l-implimentazzjoni.

***Sentenza tad-19 ta' Marzu 2019 (Awla Manja), Jawo (C-163/17, EU:C:2019:218)*** [43]

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Sistema ta' Dublin – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Trasferiment tal-applikant għall-ażil lejn l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali – Kunċett ta' 'ħarba' – Modalitajiet ta' estensjoni tat-terminu ta' trasferiment – Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Riskju serju ta' trattament inuman jew degradanti fi tmiem il-proċedura tal-ażil – Kundizzjonijiet tal-għejxien tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fl-imsemmi Stat Membru"*

Ċittadin Gambjan kien daħal fl-Unjoni Ewropea mill-Italja u kien ippreżenta applikazzjoni għall-ażil hemmhekk qabel ma mar il-Ġermanja, fejn ippreżenta applikazzjoni ġdida. Wara li talbu lill-awtoritajiet Taljani jieħdu lura lill-individwu kkonċernat, l-awtoritajiet Ġermaniżi ċaħdu l-applikazzjoni għall-ażil tiegħu u ordnaw it-tneħħija tiegħu lejn l-Italja. L-ewwel tentattiv ta' trasferiment ma rnexxiex minħabba li l-applikant ma kienx jinsab fl-istruttura ta' akkomodazzjoni allokata lilu. L-awtoritajiet Ġermaniżi, peress li qiesu li huwa kien ħarab, kienu informaw lill-awtoritajiet Taljani dwar l-impossibbiltà li jwettqu t-trasferiment u dwar l-estensjoni tat-terminu, konformement mal-Artikolu 29(2) tar-Regolament Dublin III. Dan l-artikolu jipprevedi li t-terminu għat-trasferiment huwa ta' sitt xhur, iżda jista' jiġi estiż sa massimu ta' tmintax-il xahar meta l-applikant ikun ħarab. Sussegwentement, l-individwu kkonċernat indika li kien mar iżur lil ħabib tiegħu u li ma

[43] Din is-sentenza tissemma wkoll fit-Taqsima I.2.1., intitolata "Riskju ta' ksur tal-Artikolu 4 tal-Karta".

kienx jaf li kellu javża dwar l-assenzi tiegħu. B'mod parallel, huwa ppreżenta rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment u, wara ċ-ċaħda tiegħu, ippreżenta appell quddiem il-qorti tar-rinviju. Fil-kuntest ta' dan l-appell, huwa sostna li, peress li ma kienx ħarab, l-awtoritajiet Ġermaniżi ma kellhomx dritt jestendu t-terminu għat-trasferiment tiegħu lejn l-Italja. Huwa invoka wkoll l-eżistenza, fl-Italja, ta' nuqqasijiet sistemiċi fil-qasam tal-ażil, li kienu jostakolaw it-trasferiment tiegħu lejn dan l-Istat.

Il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, dwar il-kundizzjonijiet li fihom jista' jiġi kkonstatat li applikant għal protezzjoni internazzjonali jkun ħarab, b'tali mod li t-terminu għat-trasferiment tiegħu lejn l-Istat Membru normalment responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu jkun jista' jiġi estiż.

F'dan r-rigward, fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-kunċett ta' "ħarba", fis-sens tal-Artikolu 29(2) tar-Regolament Dublin III, jimplika, b'mod partikolari, l-eżistenza ta' element intenzjonali, b'tali mod li, bħala prinċipju, din id-dispożizzjoni tapplika biss meta l-applikant ikun intenzjonalment ħarab mill-awtoritajiet nazzjonali sabiex ma jkunx jista' jitwettaq it-trasferiment tiegħu. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tar-Regolament Dublin III u sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni d-diffikultajiet kunsiderevoli li l-imsemmija awtoritajiet jistgħu jiltaqgħu magħhom sabiex jistabbilixxu l-intenzjonijiet tal-applikant, jista' jiġi preżunt li dan tal-aħħar ikun ħarab meta t-trasferiment ma jkunx seta' jiġi eżegwit minħabba li jkun telaq mill-post ta' residenza li jkun ġie assenjat lilu mingħajr ma informa lill-awtoritajiet nazzjonali u mingħajr ma jkun talab, jekk ikun il-każ, awtorizzazzjoni minn qabel. Madankollu, din il-preżunzjoni tapplika biss jekk l-applikant ikun ġie debitament informat dwar l-obbligi tiegħu f'dan ir-rigward, konformement mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2013/33. Barra minn hekk, l-applikant għandu jkollu l-possibbiltà juri li l-fatt li ma jkunx informa lill-awtoritajiet kompetenti bl-assenza tiegħu jkun iġġustifikat minn raġunijiet validi u mhux mill-intenzjoni li jaħrabilhom.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-modalitajiet tal-estensjoni tat-terminu għat-trasferiment, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li ma kienet meħtieġa ebda koordinazzjoni minn qabel bejn l-Istat Membru rikjedenti u l-Istat Membru responsabbli. B'hekk, sabiex dan it-terminu jiġi estiż għal massimu ta' tmintax-il xahar, huwa biżżejjed li l-ewwel Stat jindika lit-tieni wieħed, qabel l-iskadenza tat-terminu ta' sitt xhur, li l-applikant ikun ħarab, filwaqt li jippreċiża t-terminu ġdid għat-trasferiment.

# III. Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni ta' trasferiment

## 1. Stħarriġ ġudizzjarju limitat – Regolament Dublin II

Fil-ġurisprudenza tagħha dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament Dublin II, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kinitx tippermetti lill-applikant għall-ażil jikkontesta l-għażla tal-kriterju għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli ħlief fil-każ li jinvoka l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi fil-proċedura tal-ażil u fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza tal-applikanti għall-ażil f'dan l-Istat Membru, li jkunu jistgħu jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif iggarantiti fl-Artikolu 4 tal-Karta.

***Sentenza tal-10 ta' Diċembru 2013 (Awla Manja), Abdullahi (C-394/12, EU:C:2013:813)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Sistema Ewropea komuni dwar l-ażil – Regolament (KE) Nru 343/2003 – Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-ażil – Stħarriġ tal-osservanza tal-kriterji ta' responsabbiltà għall-eżami ta' applikazzjoni għall-ażil – Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju"*

S. Abdullahi, ċittadina tas-Somalja li kienet waslet l-Awstrija bl-għajnuna ta' traffikanti u li kienet ġiet detenuta hemmhekk viċin il-fruntiera Ungeriża, ippreżentat, f'Awwissu 2011, applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. L-awtorità Awstrijaka kompetenti ressqet, konformement mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Dublin II, talba għal teħid inkarigu lill-Ungerija, li din tal-aħħar aċċettat. L-awtorità Awstrijaka għalhekk ċaħdet bħala inammissibbli l-applikazzjoni għall-ażil ta' S. Abdullahi fl-Awstrija u ddeċidiet li tittrasferixxiha lejn l-Ungerija. Fir-rikors tagħha kontra din id-deċiżjoni, S. Abdullahi sostniet għall-ewwel darba li l-Istat Membru responsabbli għall-applikazzjoni għall-ażil tagħha ma kienx l-Ungerija iżda r-Repubblika Ellenika. Madankollu, hija sostniet li dan l-aħħar Stat Membru ma kienx jirrispetta, minn ċerti aspetti, id-drittijiet tal-bniedem, b'tali mod li kienu l-awtoritajiet Awstrijaċi li kellhom jeżaminaw l-applikazzjoni għall-ażil tagħha.

Peress li kellha dubji dwar liema Stat Membru kellu jieħu responsabbiltà għal S. Abdullahi, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan ir-rigward, hija osservat li stħarriġ tar-responsabbiltà tal-Istat Membru jimplika obbligu ta' eżami wiesa' ħafna, li huwa inkompatibbli mal-ħeffa meħtieġa fid-determinazzjoni tal-Istat Membru kompetenti. Barra minn hekk, filwaqt li r-Regolament Dublin II jipprevedi d-dritt għall-applikant għall-ażil li jikkontesta t-trasferiment tiegħu, dan ir-regolament ma jagħtix dritt għal proċedura għall-ażil fi Stat Membru partikolari magħżul mill-applikant.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 19(2) tar-Regolament Dublin II kellu jiġi interpretat fis-sens li, f'ċirkustanzi fejn Stat Membru jkun aċċetta li jieħu inkarigu applikant għall-ażil skont il-kriterju li jinsab fl-Artikolu 10(1) tal-imsemmi regolament, jiġifieri bħala l-Istat Membru tal-ewwel dħul tal-applikant għall-ażil fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, dan l-applikant ma jistax jikkontesta l-għażla ta' dan il-kriterju sakemm ma jinvokax l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi fil-proċedura tal-ażil u fil-kundizzjonijiet ta'

akkoljenza tal-applikanti għall-ażil f'dan l-Istat Membru li jikkostitwixxu raġunijiet serji u kkonfermati sabiex wieħed jemmen li l-applikant ikun ser jiġi espost għar-riskju li jiġi suġġett għal trattamenti inumani jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta.

## 2. Stħarriġ ġudizzjarju estiż – Regolament Dublin III

Dan l-iżvilupp ġurisprudenzjali huwa dovut għal emenda importanti tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tar-rimedji kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment (ara d-differenza bejn l-Artikolu 19(2) tar-Regolament Dublin II u l-Artikolu 27 [44], kif ukoll il-premessa 19 tar-Regolament Dublin III). Fil-fatt, l-applikant għal protezzjoni internazzjonali jkun involut fil-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli. Fil-kuntest ta' dan il-proċess, l-applikant jiġi informat dwar il-kriterji ta' responsabbiltà u jista' jipprovdi informazzjoni li tippermetti l-applikazzjoni korretta ta' dawn il-kriterji.

Għaldaqstant, fis-sentenzi ppreżentati f'din it-taqsima, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-applikant jista' jinvoka l-applikazzjoni żbaljata ta' kriterju ta' responsabbiltà, u dan anki jekk din ma tkunx irriżultat fi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

### 2.1. Nuqqas ta' osservanza ta' dispożizzjonijiet tekniċi

***Sentenzi tas-7 ta' Ġunju 2016 (Awla Manja), Ghezelbash (C-63/15, EU:C:2016:409), u tas-7 ta' Ġunju 2016 (Awla Manja), Karim (C-155/15, EU:C:2016:410)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-ażil ippreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz – Artikolu 12 – Ħruġ ta' permessi ta' soġġorn jew ta' viżi – Artikolu 27 – Rimedju ġudizzjarju – Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju"*

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-ażil ippreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz – Artikolu 18 – Teħid lura ta' applikant għall-ażil li l-applikazzjoni tiegħu tkun għadha qiegħda tiġi eżaminata – Artikolu 19 – Tmiem tar-responsabbiltà – Assenza mit-territorju tal-Istati Membri matul perijodu ta' mill-inqas tliet xhur – Proċedura ġdida għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli – Artikolu 27 – Rimedju ġudizzjarju – Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju"*

Fil-kawża *Ghezelbash*, ċittadin Iranjan kien ippreżenta applikazzjoni għal permess ta' soġġorn temporanju quddiem l-awtoritajiet Olandiżi. Minn tfittxija fis-sistema ta' informazzjoni dwar il-viżi tal-Unjoni Ewropea (VIS) irriżulta li r-rappreżentanza diplomatika Franċiża fl-Iran kienet ħarġet lill-individwu kkonċernat viża li kienet tkopri perijodu determinat. Għalhekk, is-Segretarju tal-Istat Olandiż talab, abbażi tar-

[44] Skont l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin II, l-applikant għal protezzjoni internazzjonali għandu dritt għal rimedju effettiv, fil-forma ta' rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment jew ta' reviżjoni fil-fatt u fil-liġi ta' din id-deċiżjoni, quddiem qorti.

Regolament Dublin III, lill-awtoritajiet Franċiżi jieħdu inkarigu lil dan tal-aħħar. Dawn tal-aħħar aċċettaw din it-talba. Madankollu, fil-kuntest tat-tieni smigħ tiegħu mill-awtoritajiet Olandiżi, l-individwu kkonċernat talab li jipproduċi dokumenti oriġinali li kienu jipprovaw li huwa kien mar lura fl-Iran wara li kien mar fi Franza, sitwazzjoni din li, skont l-applikant, kienet timplika li dan l-aħħar Stat Membru ma kienx responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għall-ażil tiegħu. B'hekk, qamet il-kwistjoni ta' jekk l-individwu kkonċernat setax jikkontesta r-responsabbiltà tar-Repubblika Franċiża għall-eżami tal-applikazzjoni għall-ażil tiegħu ladarba dan l-Istat Membru kien aċċetta din ir-responsabbiltà.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III, moqri fid-dawl tal-premessa 19 ta' dan ir-regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li applikant għall-ażil jista' jinvoka, fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontra deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fil-konfront tiegħu, l-applikazzjoni żbaljata ta' kriterju ta' responsabbiltà previst fl-imsemmi regolament.

Fil-kawża *Karim*, ċittadin Sirjan kien ippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fl-Isvezja. Minn tfittxija fis-sistema "Eurodac" irriżulta li l-individwu kkonċernat kien diġà applika għal din il-protezzjoni fis-Slovenja u għalhekk il-Migrationsverket (l-Uffiċċju tal-Migrazzjoni, l-Isvezja, iktar 'il quddiem l-"Uffiċċju") talab lill-awtoritajiet Sloveni jieħdu lura lill-individwu kkonċernat, abbażi tal-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament Dublin III.

L-awtoritajiet Sloveni laqgħu din it-talba. L-Uffiċċju mbagħad informa lil dawn l-awtoritajiet li l-individwu kkonċernat kien qiegħed isostni li kien telaq mit-territorju tal-Istati Membri għal perijodu ta' iktar minn tliet xhur wara l-ewwel applikazzjoni għall-ażil tiegħu u li l-passaport tiegħu kellu viża ta' dħul fil-Libanu. Peress li l-awtoritajiet Sloveni tennew l-aċċettazzjoni tagħhom li jieħdu lura l-individwu kkonċernat, l-Uffiċċju ċaħad l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ta' dan tal-aħħar. Madankollu, dan l-individwu qies li s-Slovenja ma kinitx l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għall-ażil tiegħu.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja qabel kollox iddeċidiet li l-Artikolu 19(2) tar-Regolament Dublin III, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tiegħu, japplika għal ċittadin ta' pajjiżi terz li, wara li jkun ippreżenta l-ewwel applikazzjoni għall-ażil fi Stat Membru, jipproduċi prova li huwa kien telaq mit-territorju tal-Istati Membri għal perijodu ta' minn tal-inqas tliet xhur, qabel ma jkun ippreżenta applikazzjoni għall-ażil ġdida fi Stat Membru ieħor. Fil-fatt, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Dublin III jipprevedi li, bħala prinċipju, l-obbligi ta' teħid inkarigu u ta' teħid lura ta' applikant għall-ażil, li jirriżultaw mill-Artikolu 18(1) ta' dan ir-regolament, jintemmu jekk l-Istat Membru responsabbli jkun jista' jistabbilixxi, meta jintalab jieħu lura applikant għall-ażil, li dan tal-aħħar ikun telaq mit-territorju tal-Istati Membri għal perijodu ta' minn tal-inqas tliet xhur. Madankollu, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(2) tal-imsemmi regolament jispeċifika li kull applikazzjoni ppreżentata wara tali perijodu ta' assenza għandha titqies li tkun applikazzjoni ġdida li tagħti lok għal proċedura ġdida għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli. Minn dan isegwi li, f'sitwazzjoni fejn ċittadin ta' pajjiż terz, wara li jkun ippreżenta l-ewwel applikazzjoni għall-ażil fi Stat Membru, jitlaq mit-

territorju tal-Istati Membri għal perijodu ta' minn tal-inqas tliet xhur, qabel ma jippreżenta applikazzjoni għall-ażil ġdida fi Stat Membru ieħor, l-Artikolu 19(2) tal-imsemmi regolament jobbliga lill-Istat Membru li fih tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għall-ażil ġdida jwettaq, abbażi tar-regoli stabbiliti f'dan ir-regolament, il-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' din l-applikazzjoni ġdida.

Sussegwentement, bħal fis-sentenza Ghezelbash, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III għandu jiġi interpretat fis-sens li applikant għall-ażil jista' jinvoka, fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontra deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fil-konfront tiegħu, in-nuqqas ta' osservanza tar-regola stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(2) ta' dan ir-regolament.

***Sentenza tas-26 ta' Lulju 2017 (Awla Manja), A. S. (C-490/16, EU:C:2017:585)*** [45]

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz – Wasla ta' numru eċċezzjonalment għoli ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jiksbu protezzjoni internazzjonali – Organizzazzjoni tal-qsim tal-fruntiera mill-awtoritajiet ta' Stat Membru bil-ħsieb ta' tranżitu lejn Stat Membru ieħor – Dħul awtorizzat b'deroga għal raġunijiet umanitarji – Artikolu 13 – Qsim illegali ta' fruntiera esterna – Terminu ta' tnax-il xahar mill-qsim tal-fruntiera – Artikolu 27 – Rimedju ġudizzjarju – Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju – Artikolu 29 – Terminu ta' sitt xhur għall-eżekuzzjoni tat-trasferiment – Kalkolu tat-termini – Użu ta' appell – Effett sospensiv"*

Fl-2016, ċittadin Sirjan, minkejja li ma kellux viża adegwata, qasam il-fruntiera bejn il-Kroazja u s-Serbja. L-awtoritajiet Kroati organizzaw it-trasferiment ta' dan l-individwu sal-fruntiera bejn il-Kroazja u s-Slovenja bil-għan li jgħinuh jasal fi Stati Membri oħra sabiex hemmhekk jippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. A. S. imbagħad ippreżenta tali applikazzjoni fis-Slovenja. Madankollu, is-Slovenja qieset li, peress li l-applikant kien daħal illegalment fil-Kroazja, kienu l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru li kellhom, skont ir-Regolament Dublin III, jeżaminaw l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ta' dan l-individwu. A. S. ikkontesta, permezz ta' rimedji legali, id-deċiżjoni tal-awtoritajiet Sloveni filwaqt li sostna li d-dħul tiegħu fil-Kroazja ma setax jitqies li kien illegali u li, konformement mar-Regolament Dublin III, kienu għalhekk l-awtoritajiet Sloveni li kellhom jeżaminaw l-applikazzjoni tiegħu.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju staqsiet, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-dħul tal-individwu kkonċernat setax jitqies li kien illegali fis-sens tar-Regolament Dublin III.

Fir-rigward tal-argumenti li jistgħu jiġu invokati mill-applikant f'rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex jikkontesta deċiżjoni ta' trasferiment, applikant għal protezzjoni internazzjonali jista' jinvoka, fil-kuntest tar-rimedji ġudizzjarji previsti fl-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III, l-applikazzjoni

[45] Din is-sentenza tissemma wkoll fit-Taqsima I.1.3., intitolata "Dħul fit-territorju".

żbaljata tal-kriterju ta' responsabbiltà marbut mal-qsim illegali tal-fruntiera ta' Stat Membru, stabbilit fl-Artikolu 13(1) tal-istess regolament. Filwaqt li bbażat ruħha fuq is-sentenza tagħha tas-7 ta' Ġunju 2016, Ghezelbash (C-63/15, EU:C:2016:409), li fiha ddeċidiet li tali applikant jista', abbażi tad-dritt tiegħu għal rimedju effettiv, jinvoka l-applikazzjoni żbaljata tal-kriterju dwar il-ħruġ ta' viża, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li r-raġunijiet li hija kienet stabbilixxiet f'dik is-sentenza kienu validi wkoll għall-kriterju stabbilit fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kwistjoni tal-konsegwenzi tal-preżentata ta' rikors kontra deċiżjoni ta' trasferiment fuq il-kalkolu tat-termini previsti, minn naħa, fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III u, min-naħa l-oħra, fl-Artikolu 29(2) tal-istess regolament. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom, it-tnejn li huma, l-għan li jillimitaw *ratione temporis* ir-responsabbiltà ta' Stat Membru taħt ir-Regolament Dublin III. Skont l-imsemmi Artikolu 13(1), ir-responsabbiltà ta' Stat Membru bbażata fuq il-kriterju dwar il-qsim illegali tal-fruntiera tintemm tnax-il xahar wara d-data ta' dan il-qsim u, skont l-imsemmi Artikolu 29, it-trasferiment ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali għandu jitwettaq f'terminu ta' sitt xhur mill-aċċettazzjoni mill-Istat Membru responsabbli jew mid-deċiżjoni definittiva dwar ir-rikors jew ir-reviżjoni fil-każ li dawn ikollhom effett sospensiv konformement mal-Artikolu 27(3) tar-Regolament Dublin III.

Minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-preżentata ta' rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment ma għandhiex effett fuq il-kalkolu tat-terminu previst fl-imsemmi Artikolu 13(1), li jikkostitwixxi kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-kriterju previst f'dan l-artikolu. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-terminu stabbilit fl-Artikolu 29(1) u (2) jibda jiddekorri biss mid-deċiżjoni definittiva dwar dan ir-rikors, inkluż fil-każ li l-qorti adita tiddeċiedi li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, kemm-il darba dan ir-rikors ikun marbut ma' effett sospensiv. Fil-fatt, dan it-tieni terminu huwa marbut mal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment u jista' jiġi applikat biss ladarba t-trasferiment ikun ġie stabbilit bħala prinċipju, jew mhux iktar kmieni minn meta l-Istat Membru rikjest ikun aċċetta t-talba għat-teħid inkarigu jew għat-teħid lura.

## 2.2. Nuqqas ta' osservanza tat-termini

***Sentenza tas-26 ta' Lulju 2017 (Awla Manja), Mengesteab (C-670/16, EU:C:2017:587)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz – Artikolu 20 – Bidu tal-proċess ta' determinazzjoni – Preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali – Rapport ippreparat mill-awtoritajiet, li jkun wasal quddiem l-awtoritajiet kompetenti – Artikolu 21(1) – Termini previsti għat-tressiq ta' talba għall-finijiet ta' teħid inkarigu – Trasferiment tar-responsabbiltà lejn Stat Membru ieħor – Artikolu 27 – Rimedju ġudizzjarju – Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju"*

Fl-14 ta' Settembru 2015, T. Mengesteab, ċittadin Eritrew, applika għall-ażil fil-Ġermanja. Fl-istess jum, l-awtorità kompetenti ħarġitlu attestazzjoni ta' dikjarazzjoni bħala applikant għall-ażil. Sa mhux iktar tard mill-14 ta' Jannar 2016, il-Bundesamt für Migration und Flüchtlinge (l-Uffiċċju Federali għall-Migrazzjoni u għar-Refuġjati, il-Ġermanja, iktar 'il quddiem l-"Uffiċċju"), li huwa l-awtorità responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-obbligi li joħorġu mir-Regolament Dublin III, irċieva l-oriġinal ta' din l-attestazzjoni, kopja tagħha jew, minn tal-inqas, l-informazzjoni prinċipali li kienet tinsab fiha. Fit-22 ta' Lulju 2016, T. Mengesteab instema' mill-Uffiċċju u seta' jippreżenta applikazzjoni formali għall-ażil. Madankollu, minn tfittxija fis-sistema Eurodac irriżulta li l-marki tas-swaba' tiegħu kienu diġà ttieħdu fl-Italja. Bħala regola ġenerali, tali riżultat pożittiv jistabbilixxi li l-persuna kkonċernata kienet qasmet b'mod illegali fruntiera esterna tal-Unjoni, li jista' jkollu l-effett li l-Istat Membru tal-fruntiera esterna inkwistjoni (f'dan il-każ l-Italja) ikun l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għall-ażil. L-Uffiċċju għalhekk talab, fid-19 ta' Awwissu 2016, lill-awtoritajiet Taljani jieħdu l-inkarigu għal T. Mengesteab, konformement mar-Regolament Dublin III. L-assenza ta' tweġiba min-naħa tal-awtoritajiet Taljani għal din it-talba kienet ekwivalenti għall-aċċettazzjoni tagħha.

Peress li permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Novembru 2016 l-Uffiċċju kien ċaħad l-applikazzjoni għall-ażil tiegħu u kien ordna t-trasferiment tiegħu lejn l-Italja, T. Mengesteab ikkontesta din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju. Huwa sostna li, skont ir-Regolament Dublin III, ir-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjoni għall-ażil tiegħu kienet ġiet ittrasferita lill-Ġermanja. Fil-fatt, dan ir-regolament jipprevedi li t-talba għat-teħid inkarigu għandha titressaq sa mhux iktar tard minn terminu ta' tliet xhur mid-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u li, wara l-iskadenza ta' dan it-terminu, ir-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjoni tgħaddi fuq l-Istat Membru li fih tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Skont T. Mengesteab, kien biss wara l-iskadenza tat-terminu ta' tliet xhur li l-Uffiċċju talab lill-awtoritajiet Taljani jieħdu l-inkarigu għalih. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta r-Regolament Dublin III.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li applikant għal protezzjoni internazzjonali jista' jinvoka, fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontra deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fil-konfront tiegħu, l-iskadenza tat-terminu ta' tliet xhur inkwistjoni u dan anki jekk l-Istat Membru rikjest ikun lest jieħu l-inkarigu għal dan l-applikant. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-leġiżlatur tal-Unjoni, fil-kuntest tar-Regolament Dublin III, ma stabbilixxiex biss regoli ta' natura organizzattiva li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri sabiex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli, iżda ddeċieda li jinvolvi lill-applikanti għall-ażil f'dan il-proċess billi żguralhom, fost oħrajn, dritt għal rimedju effettiv kontra kull deċiżjoni ta' trasferiment eventwalment meħuda fil-konfront tagħhom.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li talba għal teħid inkarigu ma tistax titressaq b'mod validu iktar minn tliet xhur wara l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. It-terminu ta' xahrejn previst fir-Regolament Dublin III għal tali talba fil-każ ta' riżultat pożittiv fis-sistema Eurodac ma huwiex terminu supplimentari li għandu jiżdied mat-terminu ta' tliet xhur, iżda huwa terminu iqsar iġġustifikat mill-fatt li tali riżultat pożittiv jikkostitwixxi prova ta' qsim illegali ta' fruntiera esterna tal-Unjoni u b'hekk jissemplifika l-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli.

Fit-tielet lok, fir-rigward tad-definizzjoni materjali tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali [46], il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni kif ġej: applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali hija meqjusa li tkun ġiet ippreżentata meta dokument miktub, redatt minn awtorità pubblika u li jattesta li ċittadin ta' pajjiż terz ikun talab protezzjoni internazzjonali, jasal quddiem l-awtorità responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-obbligi li jirriżultaw mir-Regolament Dublin III jew inkella, jekk ikun il-każ, meta l-informazzjoni prinċipali biss li tkun tinsab f'dan id-dokument (u mhux id-dokument stess jew il-kopja tiegħu) tasal quddiem din l-awtorità. Sabiex tkun tista' tibda b'mod effettiv il-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, l-awtorità kompetenti għandha bżonn tkun taf, b'mod ċert, bil-fatt li ċittadin ta' pajjiż terz ikun talab protezzjoni internazzjonali. Għaldaqstant, ma huwiex meħtieġ li d-dokument bil-miktub redatt għal dan il-għan ikollu forma preċiżament iddeterminata jew li jkun jinkludi elementi supplimentari rilevanti għall-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti mir-Regolament Dublin III jew, iktar u iktar, għall-eżami fil-mertu tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Lanqas ma huwa meħtieġ, f'dan l-istadju tal-proċedura, li intervista individwali tkun diġà ġiet organizzata. L-effettività ta' ċerti garanziji importanti mogħtija lill-applikanti għal protezzjoni internazzjonali tiġi limitata jekk il-fatt li l-awtorità kompetenti (f'dan il-każ, l-Uffiċċju) tirċievi dokument bil-miktub bħalma hija l-attestazzjoni ta' dikjarazzjoni inkwistjoni ma jkunx suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit li tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Barra minn hekk, tali soluzzjoni tkun tista' taffettwa s-sistema ta' Dublin billi ddaħħal inkwistjoni l-istatus partikolari li din is-sistema tagħti lill-ewwel Stat Membru li fih tiġi ppreżentata applikazzjoni għall-ażil. Barra minn hekk, it-trażmissjoni tal-informazzjoni prinċipali li tinsab fit-tali dokument lill-awtorità kompetenti għandha titqies li hija trażmissjoni lil din l-awtorità tal-oriġinal jew ta' kopja ta' dan id-dokument. Għaldaqstant, din it-trażmissjoni hija suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali titqies li tkun ġiet ippreżentata.

***Sentenza tal-25 ta' Ottubru 2017 (Awla Manja), Shiri (C-201/16, [EU:C:2017:805](EU:C:2017:805))***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz – Artikolu 27 – Rimedju ġudizzjarju – Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju – Artikolu 29 – Terminu sabiex isir it-trasferiment – Assenza ta' eżekuzzjoni tat-trasferiment fit-terminu stabbilit – Obbligi tal-Istat Membru responsabbli – Trasferiment ta' responsabbiltà – Rekwiżit ta' deċiżjoni tal-Istat Membru responsabbli"*

M. Shiri, ċittadin Iranjan, ikkontesta quddiem il-qrati Awstrijaċi ċ-ċaħda tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li huwa kien ippreżenta fl-Awstrija u t-trasferiment tiegħu lejn il-Bulgarija. Il-Bulgarija, l-Istat Membru li minnu kien daħal fl-Unjoni Ewropea u fejn kien ippreżenta wkoll tali applikazzjoni, kienet preċedentement aċċettat li tieħdu lura. M. Shiri sostna li l-Awstrija kienet saret, skont ir-Regolament Dublin III, responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu minħabba l-fatt li ma kienx ġie ttrasferit fil-Bulgarija f'terminu ta' sitt xhur mill-aċċettazzjoni, mill-awtoritajiet Bulgari, tat-teħid lura tiegħu.

[46] Applikazzjoni li l-preżentazzjoni tagħha tiskatta t-terminu ta' tliet xhur.

Il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, skont ir-Regolament Dublin III, l-iskadenza tat-terminu ta' sitt xhur inkwistjoni kinitx biżżejjed, waħedha, sabiex timplika tali trasferiment ta' responsabbiltà bejn l-Istati Membri. Jekk dan kien il-każ, hija xtaqet tkun taf ukoll jekk applikant għal protezzjoni internazzjonali setax jinvoka, quddiem qorti, tali trasferiment ta' responsabbiltà.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, jekk it-trasferiment ma jitwettaqx f'terminu ta' sitt xhur, ir-responsabbiltà tiġi ttrasferita *ipso jure* fuq l-Istat Membru li jkun talab it-teħid inkarigu (f'dan il-każ, l-Awstrija), mingħajr ma jkun meħtieġ li l-Istat Membru responsabbli (f'dan il-każ, il-Bulgarija) jirrifjuta li jieħu inkarigu jew li jieħu lura l-persuna kkonċernata. Din is-soluzzjoni mhux biss tirriżulta mill-formulazzjoni stess tar-Regolament Dublin III iżda hija wkoll konsistenti mal-għan ta' trattament imħaffef tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali. Fil-fatt, tali soluzzjoni tiggarantixxi, fil-każ ta' dewmien fil-proċedura għal teħid inkarigu jew għal teħid lura, li l-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali titwettaq fl-Istat Membru fejn ikun jinsab l-applikant, sabiex ma jkunx hemm iktar dewmien f'dan l-eżami.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li applikant għal protezzjoni internazzjonali jista' jinvoka l-iskadenza tat-terminu ta' sitt xhur. Dan huwa l-każ irrispettivament mill-kwistjoni ta' jekk dan it-terminu jkunx skada qabel jew wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment. L-Istati Membri huma obbligati jipprevedu, f'dan ir-rigward, rimedju effettiv u mħaffef. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, meta t-terminu ta' sitt xhur ikun skada f'data wara dik tal-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru rikjedenti (f'dan il-każ, l-Awstrija) ma jkunux jistgħu jwettqu t-trasferiment tal-persuna kkonċernata lejn Stat Membru ieħor. Għall-kuntrarju, huma għandhom jieħdu *ex officio* l-miżuri meħtieġa sabiex jaċċettaw ir-responsabbiltà li tkun ġiet ittrasferita fuqhom u sabiex jibdew mingħajr dewmien l-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata mill-persuna kkonċernata.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat ukoll li d-dritt, previst fil-leġiżlazzjoni Awstrijaka, li jiġu invokati ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontra din id-deċiżjoni jikkostitwixxi rimedju effettiv u mħaffef li jippermetti l-invokazzjoni tal-iskadenza tat-terminu għat-trasferiment.

***Sentenza tat-13 ta' Novembru 2017 (Awla Manja), X (C-47/17 u C-48/17, EU:C:2018:900)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Regolament (KE) Nru 1560/2003 – Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali – Kriterji u mekkaniżmi għad-determinazzjoni – Talba għal teħid inkarigu jew għal teħid lura ta' applikant għall-ażil – Tweġiba negattiva mill-Istat Membru rikjest – Talba għal eżami mill-ġdid – Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1560/2003 – Terminu għal tweġiba – Skadenza – Effetti"*

It-tilwimiet fil-kawżi prinċipali kienu jikkonċernaw ċittadin Sirjan u ċittadin Eritrew li kienu ppreżentaw fil-Pajjiżi l-Baxxi applikazzjoni għal permess ta' soġġorn temporanju għal applikanti għall-ażil, wara li kienu diġà ppreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni

internazzjonali fi Stat ieħor (rispettivament fil-Ġermanja u fl-Isvizzera). Iċ-ċittadin Eritrew kien għadda mill-Italja (fejn ma kienx ġie stabbilit li kien ippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali). Konformement mal-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament Dublin III, l-awtoritajiet Olandiżi ressqu talbiet għall-finijiet tat-teħid inkarigu tal-persuni kkonċernati quddiem l-awtoritajiet Ġermaniżi, Svizzeri u Taljani. Wara ċ-ċaħda ta' dawn it-talbiet, l-awtoritajiet Olandiżi ressqu, abbażi tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1560/2003, talbiet għal eżami mill-ġdid quddiem l-awtoritajiet Ġermaniżi u Taljani, iżda dawn jew ma wiġbux għalihom jew wieġbu għalihom wara l-iskadenza tat-terminu ta' ħmistax previst f'din id-dispożizzjoni.

Fil-Kawża C-47/17, ir-rikorrent kien qiegħed isostni li jekk l-Istat Membru rikjest iwieġeb, fit-termini previsti, fin-negattiv għat-talba għal teħid lura, ir-responsabbiltà taqa', minn dak il-mument, fuq l-Istat Membru rikjedenti. Fil-Kawża C-48/17, it-tilwima bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali kienet dwar jekk il-konvenut kienx sar responsabbli jew le għall-eżami tal-applikazzjoni għal permess ta' soġġorn temporanju għal applikant għall-ażil ippreżentata mir-rikorrent minħabba l-fatt li l-awtoritajiet Taljani, wara li kienu ċaħdu inizjalment it-talba għal teħid lura mressqa mis-Segretarju tal-Istat, ma kinux wieġbu għat-talba għal eżami mill-ġdid fit-terminu previst. Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Istat Membru li ssirlu talba għal teħid inkarigu jew għal teħid lura skont l-Artikolu 21 jew l-Artikolu 23 tar-Regolament Dublin III, li jkun wieġeb fin-negattiv għaliha fit-termini previsti fl-Artikolu 22 jew fl-Artikolu 25 ta' dan ir-regolament u li, sussegwentement, tkun saritlu talba għal eżami mill-ġdid skont dan l-Artikolu 5(2), għandux iwieġeb għal din it-talba f'terminu stabbilit. Hija staqsiet ukoll liema huwa, jekk ikun il-każ, dan it-terminu u liema huma l-effetti tal-assenza ta' tweġiba, fl-imsemmi terminu, mill-Istat Membru rikjest għat-talba għal eżami mill-ġdid mressqa mill-Istat Membru rikjedenti.

Wara li fakkret li l-leġiżlatur tal-Unjoni, fir-Regolament Dublin III, kien rabat il-proċeduri għat-trattament, mill-Istat Membru rikjest, tat-talbiet għal teħid inkarigu jew għal teħid lura ma' termini obbligatorji, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-mekkaniżmu previst fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1560/2003, li permezz tiegħu l-Istat Membru rikjedenti jista' jagħmel talba għal eżami mill-ġdid lill-Istat Membru rikjest, wara li dan tal-aħħar ikun irrifjuta li jilqa' t-talba għal teħid inkarigu jew għal teħid lura, tikkostitwixxi "proċedura addizzjonali" fakultattiva li t-tul tagħha għandu jiġi rregolat b'mod strett u prevedibbli. Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, proċedura ta' eżami mill-ġdid li tkun suġġetta biss għal terminu ta' tweġiba "raġonevoli", jew li ma tkunx suġġetta għal terminu determinat, tkun inkompatibbli mal-għanijiet tar-Regolament Dublin III u, b'mod partikolari, mal-għan ta' ħeffa fit-trattament tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 5(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 1560/2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Istat Membru li ssirlu talba għal teħid inkarigu jew għal teħid lura skont l-Artikoli 21 u 23 tar-Regolament Dublin III li, wara li jkun wettaq il-verifiki meħtieġa, ikun wieġeb, b'mod iddettaljat u kompletament motivat, fin-negattiv għal din it-talba fit-termini previsti fl-Artikoli 22 jew 25 ta' dan ir-regolament tal-aħħar u li, sussegwentement issirlu talba għal eżami mill-ġdid fit-terminu ta' tliet ġimgħat previst fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament ta'

Implimentazzjoni Nru 1560/2003, għandu jagħmel sforz sabiex, fi spirtu ta' kooperazzjoni leali, iwieġeb għal din it-talba fit-terminu ta' ħmistax previst f'din id-dispożizzjoni tal-aħħar. Meta l-Istat Membru rikjest ma jweġibx għall-imsemmi talba f'dan it-terminu ta' ħmistax, il-proċedura addizzjonali ta' eżami mill-ġdid tingħalaq b'mod definittiv, b'tali mod li l-Istat Membru rikjedenti għandu jitqies, b'effett mill-iskadenza tal-imsemmi terminu, li jkun responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, sakemm ma jkunx baqagħlu ż-żmien meħtieġ sabiex ikun jista' jressaq, fit-termini imperattivi previsti għal dan il-għan fl-Artikolu 21(1) jew fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Dublin III, talba ġdid għal teħid inkarigu jew għal teħid lura.

## 2.3. Stħarriġ tad-deċiżjoni ta' trasferiment fil-każ ta' teħid lura

***Sentenza tat-2 ta' April 2019 (Awla Manja), H. (C-582/17, EU:C:2019:280)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Artikolu 18(1)(b) sa (d) – Artikolu 23(1) – Artikolu 24(1) – Proċedura għal teħid lura – Kriterji ta' responsabbiltà – Applikazzjoni ġdida ppreżentata fi Stat Membru ieħor – Artikolu 20(5) – Proċess ta' determinazzjoni pendenti – Irtirar tal-applikazzjoni – Artikolu 27 – Rimedji ġudizzjarji"*

L-awtoritajiet Olandiżi kienu talbu lill-awtoritajiet Ġermaniżi jieħdu lura żewġ ċittadini Sirjani li kienu ppreżentaw l-ewwel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fil-Ġermanja, qabel ma telqu minn dan l-Istat u ppreżentaw applikazzjoni ġdida fil-Pajjiżi l-Baxxi. Il-persuni kkonċernati kienu invokaw il-preżenza tal-konjuġi rispettivi tagħhom fil-Pajjiżi l-Baxxi, li kienu benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, iżda l-awtoritajiet Olandiżi rrifjutaw li jieħdu dawn l-allegazzjonijiet inkunsiderazzjoni u, għaldaqstant, li jeżaminaw l-applikazzjoni tagħhom, għar-raġuni li, fil-kuntest ta' proċedura għal teħid lura, applikant ma jistax jinvoka l-Artikolu 9 tar-Regolament Dublin III.

Il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, qabel iressqu talba għall-finijiet tat-teħid lura ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti humiex obbligati jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu, b'mod partikolari abbażi tal-kriterju ta' responsabbiltà previst fl-Artikolu 9 tar-Regolament Dublin III.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-proċedura għal teħid lura tapplika għall-persuni msemmija fl-Artikolu 20(5) jew fl-Artikolu 18(1)(b) sa (d) tar-Regolament Dublin III, qabel ma affermat li s-sitwazzjoni li fiha ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fl-ewwel Stat Membru, imbagħad jitlaq minn dan l-Istat Membru u jippreżenta applikazzjoni ġdida fit-tieni Stat Membru taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proċedura, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk l-applikazzjoni ppreżentata fl-ewwel Stat Membru tkunx ġiet irtirata jew jekk l-eżami tagħha, konformement mad-Direttiva dwar il-proċeduri, ikunx diġà beda f'dan l-Istat Membru.

Il-Qorti tal-Ġustizzja sussegwentement enfasizzat li, għalkemm il-fatt li deċiżjoni ta' trasferiment tkun ġiet adottata fi tmiem proċedura għal teħid inkarigu jew għal teħid lura ma huwiex ta' natura li jinfluwenza l-portata tad-dritt għal rimedju effettiv kontra tali deċiżjoni, żgurat mill-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III, dawn iż-żewġ proċeduri huma madankollu suġġetti għal sistemi differenti, differenza din li taffettwa d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament li jistgħu jiġu invokati insostenn ta' tali rimedju. Fil-fatt, fil-kuntest tal-proċedura għal teħid inkarigu, il-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament Dublin III, għandu natura ċentrali u l-Istat Membru li fih tali applikazzjoni tkun ġiet ippreżentata ma jistax iressaq talba għal teħid inkarigu lil Stat Membru ieħor ħlief jekk iqis li dan ikun responsabbli għall-eżami ta' din l-applikazzjoni. Għall-kuntrarju, fil-kuntest ta' proċedura għal teħid lura, dawn il-kriterji ta' responsabbiltà ma humiex rilevanti, peress li huwa importanti biss li l-Istat Membru rikjest jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 20(5) (jiġifieri li jkun l-Istat Membru li fih l-applikazzjoni tkun ġiet ippreżentata għall-ewwel darba u li fih il-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' din l-applikazzjoni jkun pendenti), jew fl-Artikolu 18(1)(b) sa (d) tar-Regolament Dublin III (jiġifieri li jkun l-Istat Membru li fih kienet ġiet ippreżentata l-ewwel applikazzjoni u li, fit-tmiem tal-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, aċċetta r-responsabbiltà tiegħu sabiex jeżamina din l-applikazzjoni).

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li l-assenza ta' rilevanza, fil-kuntest ta' proċedura għal teħid lura, tal-kriterji ta' responsabbiltà stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament Dublin III hija kkorroborata mill-fatt li, filwaqt li l-Artikolu 22 ta' dan ir-regolament jipprevedi b'mod iddettaljat kif dawn il-kriterji għandhom jiġu applikati fil-kuntest ta' proċedura għal teħid inkarigu, l-Artikolu 25 tal-imsemmi regolament, li jikkonċerna l-proċedura għal teħid lura, ma jinkludi l-ebda dispożizzjoni simili u jobbliga biss lill-Istat Membru rikjest li jwettaq il-verifiki neċessarji sabiex jagħti deċiżjoni dwar it-talba għal teħid lura [47].

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li l-interpretazzjoni bil-kontra, jiġifieri li tali talba tista' titressaq biss jekk l-Istat Membru rikjest ikun jista' jiġi identifikat bħala l-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji ta' responsabbiltà stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament Dublin III, hija kontradetta mill-istruttura ġenerali ta' dan ir-regolament, li kien intiż li jiġu stabbiliti żewġ proċeduri awtonomi (jiġifieri l-proċedura għal teħid inkarigu u l-proċedura għal teħid lura), li japplikaw għal sitwazzjonijiet differenti u li huma suġġetti għal dispożizzjonijiet differenti. Barra minn hekk, din l-interpretazzjoni bil-kontra tista' tikkomprometti t-twettiq tal-għan tar-Regolament Dublin III li jikkonsisti fil-prevenzjoni tal-movimenti sekondarji ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali, peress li din timplika li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih tkun ġiet ippreżentata t-tieni applikazzjoni jkunu jistgħu, fil-fatt, jeżaminaw mill-ġdid il-konklużjoni li waslu għaliha, wara l-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-ewwel Stat Membru fir-rigward tar-responsabbiltà stess ta' dan tal-aħħar. Barra minn hekk, tali interpretazzjoni tista' twassal sabiex jiġi ppreġudikat il-prinċipju essenzjali tar-Regolament Dublin III, stabbilit

[47] F'dan ir-rigward, ara wkoll is-sentenza tat-30 ta' Novembru 2023, Ministero dell'Interno et (Fuljett komuni – Refoulement indirett) (C-228/21, C-254/21, C-297/21, C-315/21 u C-328/21, EU:C:2023:934), b'mod partikolari l-punti 95 sa 102.

fl-Artikolu 3(1) tiegħu, li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandha tiġi eżaminata minn Stat Membru wieħed biss.

Bħala konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-kriterji ta' responsabbiltà stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament Dublin III ma jistgħux jiġu invokati insostenn ta' rikors ippreżentat kontra deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fil-kuntest ta' proċedura għal teħid lura. Madankollu, peress li l-kriterji ta' responsabbiltà stabbiliti fl-Artikoli 8 sa 10 tar-Regolament Dublin III għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal u tal-ħajja tal-familja tal-persuni kkonċernati, meta l-persuna kkonċernata tkun bagħtet lill-awtorità kompetenti tat-tieni Stat Membru l-elementi li jistabbilixxu b'mod ċar li dan għandu jitqies li jkun l-Istat Membru responsabbli, b'applikazzjoni tal-kriterju stabbilit fl-Artikolu 9 tar-Regolament Dublin III, huwa għalhekk dan l-Istat Membru, konformement mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, li għandu jaċċetta r-responsabbiltà tiegħu stess, f'sitwazzjoni koperta mill-Artikolu 20(5) tar-Regolament Dublin III (jiġifieri meta l-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli jkun għadu ma tlestiex fl-ewwel Stat Membru). Għaldaqstant, fit-tali sitwazzjoni, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jista', b'eċċezzjoni, jinvoka dan il-kriterju fil-kuntest ta' rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fir-rigward tiegħu.

## 2.4. Stħarriġ tad-deċiżjoni ta' teħid inkarigu ta' minuri mhux akkumpanjat

***Sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Rifjut li jittieħed inkarigu minuri Eġizzjan mhux akkumpanjat) (C-19/21, EU:C:2022:605)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Kriterji u mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali – Artikolu 8(2) u Artikolu 27(1) – Minuri mhux akkumpanjat li qarib tiegħu jkun jinsab legalment fi Stat Membru ieħor – Ċaħda minn dan l-Istat Membru tat-talba għat-teħid inkarigu ta' dan il-minuri – Dritt għal rimedju effettiv tal-imsemmi minuri jew ta' dan il-qarib kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda – Artikoli 7, 24 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Interessi superjuri tat-tfal"*

Waqt li kien għadu minuri, I, ċittadin Eġizzjan, ippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fil-Greċja, li fiha esprima x-xewqa li jerġa' jingħaqad ma' S, zijuh, ukoll ċittadin Eġizzjan, li kien jirrisjedi regolarment fil-Pajjiżi l-Baxxi. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, l-awtoritajiet Griegi ressqu quddiem l-awtoritajiet Olandiżi talba għall-finijiet tat-teħid inkarigu ta' I, billi bbażaw ruħhom fuq id-dispożizzjoni tar-Regolament Dublin III li tipprevedi, meta dan ikun fl-interess tal-minuri mhux akkumpanjat, li l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali huwa dak li fih jirrisjedi legalment qarib tal-individwu kkonċernat li jista' jieħu ħsiebu. Madankollu, is-Segretarju tal-Istat ċaħad din it-talba, u sussegwentement it-talba għal eżami mill-ġdid.

Wara li I u S, min-naħa tagħhom, ippreżentaw ukoll ilment, is-Segretarju tal-Istat ċaħad dan l-ilment bħala manifestament inammissibbli għar-raġuni li r-Regolament Dublin III

ma jipprevedix il-possibbiltà għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali li jikkontestaw deċiżjoni ta' ċaħda ta' talba għall-finijiet ta' teħid inkarigu. Għaldaqstant, I u S ikkontestaw din id-deċiżjoni quddiem ir-rechtbank Den Haag (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, il-Pajjiżi l-Baxxi), billi sostnew li kull wieħed minnhom kellu d-dritt jirrikorri għal tali rimedju ġudizzjarju skont l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III.

F'dan il-kuntest, il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-rimedji ġudizzjarji miftuħa għal minuri mhux akkumpanjat, li jkun l-applikant għal protezzjoni internazzjonali, u għall-qarib tiegħu, kontra deċiżjoni ta' ċaħda ta' talba għal teħid inkarigu.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet li l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III, moqri flimkien mal-Artikoli 7, 24 u 47 tal-Karta, jimponi fuq l-Istat Membru li lilu tkun tressqet talba għall-finijiet ta' teħid inkarigu l-obbligu li jagħti dritt għal rimedju ġudizzjarju kontra d-deċiżjoni ta' rifjut tiegħu lill-minuri mhux akkumpanjat li jkun qiegħed japplika għal protezzjoni internazzjonali, iżda mhux lill-qarib ta' dan il-minuri.

Qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, għalkemm, abbażi ta' interpretazzjoni letterali, l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III jidher li jagħti dritt għal rimedju lill-applikant għal protezzjoni internazzjonali għall-finijiet biss li tiġi kkontestata deċiżjoni ta' trasferiment, il-formulazzjoni tiegħu ma teskludix madankollu li dritt għal rimedju jingħata wkoll lill-applikant minuri mhux akkumpanjat sabiex jikkontesta deċiżjoni ta' rifjut li tintlaqa' talba għal teħid inkarigu bbażata fuq l-Artikolu 8(2) tar-Regolament Dublin III.

Sabiex jiġi ddeterminat jekk l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 24 u 47 tal-Karta, jeħtieġx l-eżistenza ta' rimedju kontra tali deċiżjoni ta' rifjut ta' teħid inkarigu, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata billi jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll l-għanijiet tagħha, l-istruttura ġenerali tagħha u l-kuntest tagħha, b'mod partikolari l-evoluzzjoni li tkun għaddiet minnha fis-sistema li minnha tagħmel parti.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, kull persuna, li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni jiġu miksura, għandha dritt għal rimedju effettiv, taħt il-kundizzjonijiet previsti f'dan l-artikolu. Ma' dan id-dritt jikkorrispondi l-obbligu impost fuq l-Istati Membri, fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, li jistabbilixxu r-rimedji neċessarji sabiex jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni.

Għal dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u l-osservanza tal-kriterju obbligatorju ta' responsabbiltà, li jinsab fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament Dublin III, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-protezzjoni ġudizzjarja ta' applikant minuri mhux akkumpanjat ma tistax tvarja skont jekk dan l-applikant ikunx is-suġġett ta' deċiżjoni ta' trasferiment, meħuda mill-Istat Membru rikjedenti, jew ta' deċiżjoni ta' ċaħda, mill-Istat Membru rikjest, ta' talba għat-teħid inkarigu ta' dan l-applikant. Fil-fatt, dawn id-deċiżjonijiet jistgħu, it-tnejn

li huma, jippreġudikaw id-dritt, li l-minuri mhux akkumpanjat jislet minn dan l-artikolu, li jingħaqad ma' qarib li jista' jieħu ħsiebu għall-finijiet tal-eżami tal-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali. Minn dan jirriżulta li l-minuri kkonċernat għandu jitħalla, fiż-żewġ każijiet, konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, jirrikorri għal rimedju sabiex jinvoka l-ksur tal-imsemmi dritt.

Issa, f'dan il-każ, konformement mal-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III, fil-każ li I, wara l-wasla tiegħu fil-Greċja, kien mar il-Pajjiżi l-Baxxi u jkun ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali hemmhekk, u fil-każ li l-awtoritajiet Griegi jkunu aċċettaw it-teħid inkarigu tiegħu bħala Stat Membru tal-ewwel wasla, l-individwu kkonċernat kien ikollu d-dritt li jirrikorri għal rimedju ġudizzjarju kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment adottata mill-awtoritajiet Olandiżi, abbażi tal-fatt li wieħed mill-qraba tiegħu kien jirrisjedi fil-Pajjiżi l-Baxxi.

Fit-tali każ, huwa jkun jista' għalhekk jinvoka b'mod utli l-ksur tad-dritt li huwa jislet, bħala minuri mhux akkumpanjat, mill-Artikolu 8(2) tar-Regolament Dublin III. Għall-kuntrarju, fil-każ ta' interpretazzjoni letterali tal-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III, l-applikant li jibqa' fl-Istat Membru ta' dħul u li hemmhekk jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali jiġi mċaħħad minn tali possibbiltà peress li, f'din is-sitwazzjoni, ma tiġi adottata ebda deċiżjoni ta' trasferiment.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li applikant minuri mhux akkumpanjat għandu jkun jista' jirrikorri għal rimedju ġudizzjarju, skont l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III, mhux biss fil-każ fejn l-Istat Membru rikjedenti jadotta deċiżjoni ta' trasferiment, iżda wkoll f'dak fejn l-Istat Membru rikjest jirrifjuta t-teħid inkarigu tal-individwu kkonċernat, sabiex ikun jista' jinvoka ksur tad-dritt mogħti mill-Artikolu 8(2) tal-imsemmi regolament, iktar u iktar peress li dan tal-aħħar huwa intiż li jiżgura r-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali tal-minuri mhux akkumpanjati, iggarantiti fl-Artikoli 7 u 24 tal-Karta.

Għall-kuntrarju, l-Artikolu 27(1) ta' dan ir-regolament ma jagħtix lill-qarib tal-applikant, li jirrisjedi fl-Istat Membru rikjest, dritt għal rimedju legali kontra tali deċiżjoni ta' ċaħda. Barra minn hekk, billi la l-Artikolu 7 u l-Artikolu 24 (2) tal-Karta u lanqas l-Artikolu 8(2) tar-Regolament Dublin III ma jagħtuh drittijiet li huwa jista' jinvoka quddiem qorti, dan il-qarib ma jistax jislet dritt għal rimedju legali kontra tali deċiżjoni abbażi biss tal-Artikolu 47 tal-Karta.

### 2.5. Invokabbiltà ta' ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment

***Sentenza tal-15 ta' April 2021, État belge (Elementi sussegwenti għad-deċiżjoni ta' trasferiment) (C-194/19, EU:C:2021:270)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali – Artikolu 27 – Rimedju ġudizzjarju – Teħid inkunsiderazzjoni ta' elementi sussegwenti għad-deċiżjoni ta' trasferiment – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva"*

H. A., ċittadin ta' pajjiż terz, ippreżenta applikazzjoni għall-ażil fil-Belġju. Madankollu, peress li l-awtoritajiet Spanjoli aċċettaw li jiħduh inkarigu, l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda u ġiet adottata deċiżjoni ta' trasferiment lejn Spanja fir-rigward tiegħu. Ftit wara, ħu H. A. wasal ukoll fil-Belġju u hemmhekk ippreżenta applikazzjoni għall-ażil. Għalhekk H. A. ippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment li tikkonċernah, billi sostna, b'mod partikolari, li l-applikazzjonijiet għall-ażil rispettivi tagħhom kellhom jiġu eżaminati flimkien.

Dan ir-rikors ġie miċħud, minħabba li l-wasla ta' ħu H. A. fil-Belġju kienet seħħet wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata u li għalhekk dan il-fatt ma setax jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata l-legalità tagħha. H. A. ippreżenta appell ta' kassazzjoni quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju), billi invoka ksur tad-dritt tiegħu għal rimedju effettiv, kif jirriżulta mir-Regolament Dublin III [48] u mill-Artikolu 47 tal-Karta. Indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk il-wasla ta' ħuh setgħetx effettivament ikollha effett fuq l-identità tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għall-ażil ta' H. A. [49], il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) kellu jiddetermina jekk applikant għall-ażil għandux ikun jista' jinvoka ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment li tikkonċernah. Huwa ddeċieda li jistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward.

F'sentenza tal-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt tal-Unjoni [50] jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li l-qorti adita b'rikors għal annullament kontra deċiżjoni ta' trasferiment ma tkunx tista', fil-kuntest tal-eżami ta' dan ir-rikors, tieħu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni li jkunu determinanti għall-applikazzjoni korretta tar-Regolament Dublin III. Is-sitwazzjoni tkun differenti jekk din il-leġiżlazzjoni tipprevedi rimedju speċifiku li jkun jista' jiġi eżerċitat wara li jseħħu tali ċirkustanzi, bil-kundizzjoni li dan ir-rimedju ġudizzjarju jippermetti eżami *ex nunc* tas-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata, li r-riżultati tiegħu jorbtu lill-awtoritajiet kompetenti.

Sabiex waslet għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li r-Regolament Dublin III [51] jipprevedi li l-persuna li tkun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' trasferiment għandha dritt għal rimedju effettiv kontra din id-deċiżjoni u li dan ir-rimedju għandu jirrigwarda, b'mod partikolari, l-eżami tal-applikazzjoni ta' dan ir-regolament. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll li hija diġà kienet iddeċidiet li l-applikant għal protezzjoni internazzjonali għandu jkun jista' jkollu rimedju ġudizzjarju effettiv u mħaffef li jippermettilu jinvoka ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment meta t-teħid inkunsiderazzjoni tagħhom ikun determinanti għall-applikazzjoni korretta tar-Regolament Dublin III [52].

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-Istati Membri ma humiex obbligati jorganizzaw is-sistema ta' rimedji tagħhom b'mod li r-rekwiżit ta' teħid inkunsiderazzjoni

48 Artikolu 27 ta' dan ir-regolament.
49 Ara d-definizzjoni tal-kunċett ta' "membri tal-familja", li tinsab fl-Artikolu 2(g) tar-Regolament Dublin III, u fl-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament.
50 Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III, moqri fid-dawl tal-premessa 19 tiegħu kif ukoll tal-Artikolu 47 tal-Karta.
51 Artikolu 27(1) u l-premessa 19 tar-Regolament Dublin III.
52 Ara s-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2017, Shiri (C-201/16, EU:C:2017:805), u tal-25 ta' Jannar 2018, Hasan (C-360/16, EU:C:2018:35).

ta' tali ċirkustanzi jiġi ggarantit fil-kuntest tal-eżami tar-rikors intiż li jikkontesta l-legalità tad-deċiżjoni ta' trasferiment. Fil-fatt, il-leġiżlatur tal-Unjoni armonizza biss ċerti modalitajiet proċedurali tad-dritt għal azzjoni legali kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment u r-Regolament Dublin III ma jippreċiżax jekk dan jimplikax neċessarjament li l-qorti adita għandha tkun tista' twettaq eżami *ex nunc* tal-legalità tad-deċiżjoni ta' trasferiment. Għaldaqstant, skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, huwa kull Stat Membru li għandu jirregola dawn il-modalitajiet, bil-kundizzjoni li dawn ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet simili suġġetti għad-dritt intern (prinċipju ta' ekwivalenza) u li dawn ma jirrendux impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni (prinċipju ta' effettività).

F'dan il-każ, f'dak li jirrigwarda b'mod iktar speċifiku l-prinċipju ta' effettività, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li rikors għal annullament ippreżentat kontra deċiżjoni ta' trasferiment, li fil-kuntest tiegħu l-qorti adita ma tkunx tista' tieħu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni li jkunu determinanti għall-applikazzjoni korretta tar-Regolament Dublin III, ma kienx jiżgura protezzjoni ġudizzjarja suffiċjenti sa fejn ma kienx jippermetti lill-persuna kkonċernata teżerċita d-drittijiet li hija tislet minn dan ir-regolament u mill-Artikolu 47 tal-Karta. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li tali protezzjoni tista' tiġi ggarantita, fil-kuntest tas-sistema ġudizzjarja nazzjonali kkunsidrata kollha kemm hi, permezz ta' rimedju speċifiku, distint minn rikors intiż li jiżgura l-istħarriġ tal-legalità ta' deċiżjoni ta' trasferiment, li jippermetti li jittieħdu inkunsiderazzjoni tali ċirkustanzi. Dan ir-rimedju ġudizzjarju speċifiku għandu madankollu jiggarantixxi lill-persuna kkonċernata l-possibbiltà li tikseb li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru rikjedenti ma jkunux jistgħu jipproċedu għat-trasferiment tagħha, meta ċirkustanza sussegwenti għad-deċiżjoni ta' trasferiment tostakola l-eżekuzzjoni tagħha. Dan ir-rimedju għandu jiżgura wkoll, meta ċirkustanza sussegwenti timplika li l-Istat Membru rikjedenti jkun responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, li l-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat Membru jkunu obbligati jieħdu l-miżuri neċessarji biex jirrikonoxxu din ir-responsabbiltà u jibdew dan l-eżami mingħajr dewmien. Barra minn hekk, l-eżerċizzju ta' dan ir-rimedju speċifiku ma għandux ikun suġġett għall-fatt li l-persuna kkonċernata tiġi mċaħħda mil-libertà, u lanqas għall-fatt li l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment tkun imminenti.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Direttorat tar-Riċerka u tad-Dokumentazzjoni

Marzu 2024